# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Jannar 2007 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 62 SENA * Nru. 884

## L-Għaqda Fraterna bejn Żewġ Djoċesijiet



Awguri lill-Arċisqof il-Ġdid ta' Malta

**MONS. PAWL CREMONA, O.P.**













# IVA!







**Dan hu "leħen l-Għawdxin", anke jekk b'numru ta' abbonati "pjuttost żgħir" fi gżira żgħira... Leħen li ilu jidwi 62 sena. M'hemmx leħen ieħor stampat f'Għawdex li għadu jinfirex ma' kull rokna ta' gżiritna u jinqara minn madwar 3,000 persuna ġo Għawdex, f'Malta u anke barra minn xtutna. Dan il-leħen jista' jkompli jissaħħaħ u jinfirex aktar bil-kooperazzjoni tiegħek, mhux bil-qrid u l-kritika negattiva...**







***Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2007, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' Lm3 jew Lm5 lill-*** **Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria VCT111, Għawdex.**

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (Ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2007* ❑

❑ Lm3 Abbonament Regolari

❑ Lm5 Abbonament Sostenitur FIRMA ______________________

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Imwaqqfa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 884*
*Jannar 2007*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 111
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Attwalità • 14
Kummentarju (2) • 15
Mill-Knisja fid-Dinja • 17
L-Intervista: 40 sena fil-Parlament • 18
Kotba minn Għawdex • 21
Dawl għall-Ħajja • 22
Il-Misteru tal-Ewkaristija (16) • 24
Letteratura Għawdxija • 26
Għawdex 300 sena ilu (150) • 27
Il-Biedja f'Għawdex (51) • 28
Xhieda Nisranija: Salvu Buttigieg • 30
Għawdxin li għadna niftakru (39) • 31
Arti u Kultura f'Għawdex • 33
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Xewkija • 35
Passiġġata Biblika (22) • 37
L-Istorja tal-Mediċina (10) • 39
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 41
L-Irħula Għawdxin (10): Sannat • 42



**Ritratti:** *Hajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Kunsilli Lokali ta' Ghawdex u diversi parroċċi Ghawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*

*Ritratt tal-Qoxra: Fr. Charles Fenech, O.P.*





# *Aġenda Urġenti għas-Sena l-Ġdida*

## *Qabel Xejn, ir-Rispett u r-Responsabbiltà*

*Tabilħaqq li 'l-għemil tajjeb' ma jkunx fl-aħbarijiet; wisq u wisq inqas l-'għemil tajjeb' li jsir b'rutina għax ikun stil ta' ħajja. Wisq drabi l mezzi ta' komunikazzjoni jfittxu u jperrċu dak li hu sensazzjonali. Tiġbdilna aktar attenzjoni l-kewkba feġġa li taqa', tintefa u tintilef għalina milli l-għadd bla tarf ta' kwiekeb li jibqgħu jdawlu s-smewwiet.*

*Hekk ukoll jiġrilna fil-komunità. Nedhew aktar fuq xi telfa milli fuq it-tajjeb ta' madwarna li nkunu drajna bih. Għax, ngħiduha kif inhi, il-maġġoranza tas-soċjetà għawdxija hi magħmula min-nies ta' rieda tajba, familji magħquda, ċittadini ta' l-affari tagħhom, żgħażagħ bil-għaqal. Dawn huma l-maġġoranza li kuljum taqdi dmirha mingħajr daqq ta' trombi. Hija l-maġġoranza hekk msejħa "siekta"... u x'aktarx tintesa għax siekta żżejjed. Għaldaqstant, jeħtieġ nirriflettu jekk din il-maġġoranza siekta għandhiex tibqa' daqshekk ħalqha mitbuq f'soċjetà fejn dak li mhux xieraq sar aktar ardit. Din is-sikta tista' titqies bħala indifferenza. M'hemmx għalfejn isir eżami analitiku ta' stħarriġ soċjoloġiku biex nintebħu bis-sintomi tal-mard fil-ġisem soċjali. Qegħdin jonqsu fostna r-rispett u r-responsabbiltà u qed ixxenxel għeruqha l-mentalità li 'għandi dritt nissodisfa lili nnifsi akkost li nweġġa' u nġib miżerja fuq ħaddieħor'.*

*Mhux ipprojbit li nitgħallmu minn dak li ġara u qiegħed jiġri f'pajjiżi oħra. Ikun aħjar milli nitgħallmu spejjeż tagħna. Fejn daħlet din il-mentalità, il-virus infirex malajr minn organu għall-ieħor tal-ġisem soċjali: ittappnet il-linja bejn dak li hu xieraq u dak li mhux, rebħu l-kompromessi, u l-imġiba bdiet titqies bħallikieku kienet xi għażla tal-konsumatur, jekk togħġobni nagħmilha, jekk le nwarrabha. Id-divertiment ħa post id-dover u x-xogħol sar mezz biex jintlaħqu l-ispejjeż tax-xalar; żdiedu l-isfruttament taż-żgħażagħ, it-tifrik tal-familji, d-dipendenza mid-droga u l-alkoħol, t-tqala barra miż-żwieġ u l-indifferenza għall-uġigħ ta' ħaddieħor, imqar ta' dawk ta' ġewwa. Partiti politiċi, li għarfu d-diżastru li fih waslet is-soċjetà tagħhna, jafu li jekk jipproponu xi revoka għal dan l-istil ta' ħajja jkunu qegħdin iwettqu suwiċidju elettorali.*

*Għaldaqstant aħna fid-dmir li nistaqsu : dawn is-sintomi kemm qegħdin jidhru u kemm qegħdin jiżdiedu fostna wkoll? Qegħdin nimbokkaw it-triq żurżieqa bla ma nintebħu, jew qegħdin nintebħu u nibqgħu ftit li xejn nagħtu kas? Qegħdin niġru lejn sistema ta' ħajja soċjali li tipproduċi d-diżgrazzji u mbagħad nivvotaw il-flejjes biex nitfgħu salvawomo lill-imsejken li jinħakem mill-għargħar? Fil-waqt li għandna d-dmir li nagħtu l-kura, ma jaqbilx ukoll li nqegħdu enerġiji qawwija fil-prevenzjoni? Jekk it-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hija "iva", mela jkun jaqbel li l-maġġoranza siekta tagħti xhieda bil-kelma u bl-għemil tal-valuri tar-rispett u r-responsabbiltà li ħafna mill-poplu Għawdxi, u Malti, għad għandhom għal qalbhom. Ir-rispett u r-responsabbiltà ma jistgħux jitħallew li jkunu valuri fil-periklu.*

*Din għandha tkun l-aġenda urġenti għas-sena l-ġdida għal kulmin għandu rieda tajba u jixtieq tabilħaqq il-ġid ta' pajjiżna. Hija aġenda għall-awtoritajiet, biex jilleġiżlaw, jedukaw u jinforzaw. Għandha tkun aġenda li jmissha tixpruna s-sehem tagħna lkoll, ta' kull wieħed u waħda minna skond ir-rwol tiegħu u tagħha fl-oqsma u l-livelli diversi tas-soċjetà. Hija aġenda li ma tistax tkun posposta; aġenda għall-azzjoni aktar milli għad-diskussjoni. Hekk inkunu "ningħaqdu flimkien biex inġeddu l-istituzzjonijiet u l-kundizzjonijiet tad-dinja, fejn u meta dawn iħajru l-imġiba għad-dnub, biex kollha jimxu man-normi tal-ġustizzja u, flok ifixklu, jgħinu aktar il-ħarsien ta' kull virtù. Meta nagħmlu hekk inkunu ndaħħlu valuri morali fil-kulturi u l-ħidmiet tal-bnedmin." (Lumen Gentium, 36)*

**Joseph W. Psaila**






*Mons. Isqof u l-Kan. Tonio Galea fil-pussess tal-kappillan fil-knisja parrokjali tal-Munxar.*

## *Rgħajja ġodda*

Fl-ewwel żewġt iħdud ta' Diċembru, jiġifieri nhar it-3 u l-10 tax-xahar, sar il-pussess tal-Kan. Tonio Galea u tal-Kan. Frankie Bajada bħala mexxejja spiritwali ġodda tal-parroċċi tal-Munxar u Għajnsielem rispettivament. Iż-żewġ funzjonijiet tmexxew minn Mons. Isqof Mario Grech. Fiż-żewġ okkażjonijiet l-Isqof laqgħahom quddiem il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali fejn libbishom l-istola bħala sinjal tal-ministeru l-ġdid, u tul il-konċelebrazzjoni ewkaristika laqa' il-wegħda solenni tar-rgħajja l-ġodda u akkumpanjahom ħdejn il-postijiet prinċipali marbuta mal-ministeru tagħhom: jiġifieri, it-tabernaklu, il-konfessjonarju, u l-fonti tal-Magħmudija. Fl-aħħar flimkien daqqew it-tokki tal-qanpiena. Il-jum tal-pussess kien preċedut minn ġimgħa ta' katekeżi, talb u laqgħat bl-għan li jgħinu lill-komunità parrokkjali tgħix din l-okkażjoni bħala mument ta' tiġdid spiritwali.



*L-Arċipriet il-ġdid, il-Kan. Frankie Bajada f'mument mir-rit tal-pussess fil-knisja parrokjali t'Għajnsielem.*

## *Katekesi*

Tul iż-żmien ta' l-Avvent il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ organizzat sensiela ta' katekesi għaż-żgħażagħ u adoloxxenti kull nhar ta' Sibt fis-Seminarju. Għall-ewwel laqgħa nhar it-2 ta' Diċembru attenda wkoll ir-Ragħaj tad-Djoċesi li kellem lil dawk preżenti. Mument ieħor sabiħ seħħ jumejn wara meta Mons. Isqof ikkonsenja l-Bibbja lill-membri tal-mixja Neokatekumenali fiċ-Ċentru Ta' Kana, Victoria.

## *Żjajjar lill-komunitajiet insara*



*Mons. Isqof jiltaqa' man-nies tal-parroċċa tax-Xagħra wara l-quddiesa tan-Novena nhar it-23 ta' Diċembru.*

Il-Knisja hi l-familja ta' Alla magħmula minn komunitajiet żgħar ta' insara li jgħixu f'postijiet determinati li jistgħu jkunu l-parroċċa jew żoni pastorali oħra. Tul dawn il-jiem Mons. Isqof issokta jwettaq fil-fidi lil ħutu l-insara permezz ta' żjarat, ċelebrazzjonijiet ta' l-Ewkaristija u predikazzjoni. Hawn insemmu ż-żjarat ta' l-Isqof fid-diversi parroċċi u komunitajiet li fihom kienet qed issir in-Novena tal-Milied fosthom San Lawrenz, Ragħaj it-Tajjeb (taċ-Ċawla), Munxar, Xagħra, Kerċem u l-Museum tan-Nadur. Ir-Ragħaj Spiritwali tagħna ħa sehem fil-festa ta' Sant'Andrija iċċelebrata fil-parroċċa tal-Fontana tul l-ewwel jiem ta' Diċembru u nhar l-10 tax-xahar mexxa l-Ewkaristija fil-knisja ta' Santa Luċija fl-okkażjoni ta' l-istess festa. B'rabta mal-festa tal-Kunċizzjoni, nhar is-7 ta' Diċembru Mons. Isqof mexxa quddiesa solenni fis-Seminarju Maġġuri u l-għada fis-Santwarju tal-Qala.

L-Isqof iltaqa' ukoll ma' kategoriji oħra tal-Poplu ta' Alla: mal-komunità tal-patrijiet Ġiżwiti f'Manresa nhar il-11 ta' Diċembru; ma' grupp ta' ex-għalliema fil-knisja ta' Sant'Antnin l-għada; ma' l-abbatini tad-djoċesi nhar is-16



*L-Isqof waqt l-Ewkaristija flimkien ma' l-abbatini tad-djoċesi ġewwa s-Seminarju.*

ta' Diċembru ġewwa s-Seminarju; ma' l-anzjani t'Għawdex ġewwa d-*Day Centre* f'Għajnsielem fid-29 ta' Diċembru; u ma' madwar 70 saċerdot u l-komunità tar-Ragħaj it-Tajjeb fil-lokal ta' l-istess ċentru waqt ikla organizzata mill-Kummissjoni Kleru nhar it-30 ta' Diċembru. Ma naqsux xi żjarat ta' Mons. Isqof f'xi komunitajiet ġewwa Malta. Hekk fit-3 ta' Diċembru ċċelebra l-Ewkaristija fil-parroċċa ta' Bormla u fit-18 ta' l-istess xahar mexxa quddiesa tan-Novena tal-Milied fl-iskola sekondarja ta' l-Imtarfa.

### *L-Arċisqof il-ġdid ma' l-Isqof tagħna*

Nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru tħabbret il-ħatra ta' Patri Pawl Cremona O.P. bħala l-arċisqof il-ġdid ta' Malta. L-għada, Mons. Isqof kellu laqgħa privata ma' l-Arċisqof-elett fil-Kunvent tad-Dumnikani ġewwa Tas-Sliema.



*Ir-ragħajja jiltaqgħu: Mons. Isqof Grech biswit l-Arċisqof-elett Mons. Pawlu Cremona.*

### *Aspett soċjali*

Fil-5 ta' Diċembru l-Isqof għamel żjara uffiċjali lill-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Union Ħaddiema Magħqudin fis-sede ċentrali tagħhom fil-Floriana fejn tkellem mal-membri tal-Kunsill dwar l-etika tax-xogħol. Is-Sibt, 16 tax-xahar Mons. Grech ippresieda ċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premju "Żagħżugħ tas-Sena" imniedi mill-Fondazzjoni Oasi fil-lukanda Ta' Ċenċ. Tul il-jiem tal-Milied, Mons. Isqof attenda għal xi kunċerti u wirjiet ta' presepji li ġew mtellgħa b'konnessjoni ma' dan iż-żmien.

## *L-ISQOF MARIO GRECH IĦABBAR XI TIBDIL GĦALL-KLERU GĦAWDXI*

F'bidla li qed titqies bħala waħda importanti għad-djoċesi ta' Għawdex, il-kappillani u l-Vigarji Parrokkjali Għawdxin se jibdew ikunu magħżula minn parroċċi differenti minn dik oriġinali tagħhom. Dan tħabbar mill-Isqof Mario Grech f'laqgħa għall-kleru djoċesan u reliġjuż is-Sibt 6 ta' Jannar. Sa issa l-prattika normali kienet li saċerdot seta' jservi bħala kappillan fl-istess parroċċa tiegħu. L-Isqof Grech qal li dan jagħmilha aktar possibbli li s-saċerdoti fil-parroċċa jibdew jgħixu flimkien fi presbiterju. Huwa ħabbar ukoll li kull mandat ta' kappillan u vigarju parrokkjali se jibda jingħata biss għal ħames snin u ma jiġġeddidx għal aktar minn ħames snin oħra. "Il-bidla hija tajba għal kulħadd u tħalli ħafna aktar frott," kompla jgħid l-Isqof Grech. Matul il-laqgħa li saret fis-Seminarju t'Għawdex, u li fiha sar il-bdil ta' l-awguri ta' l-Ewwel tas-Sena, tkellem ukoll in-Nunzju Appostoliku għal Malta, l-Arċisqof Mons Felix del Blanco Prieto, li awgura li l-entużjażmu li hemm fil-Knisja t'Għawdex jibqa' jissaħħaħ. Mons Grech ħeġġeġ lis-saċerdoti preżenti biex jagħtu aktar attenzjoni għal dawk il-persuni mgħammda imma ma jafux lil Alla. "Għandna persuni li għamlu għażliet li jikkontrastaw ma' dak li jgħid Alla u dawk li ma jersqux jiċċelebraw il-preżenza ta' Alla. Dawn huma kategoriji li għandna nagħtuhom attenzjoni preferenzjali." Meta tkellem fuq il-ħidma pastorali mal-familja, l-Isqof Grech, fost ħwejjeġ oħra qal li għal dawk il-koppji li jkollhom bżonn tas-servizz tat-Tribunal Ekkleżjastiku, hu mistenni li l-proċess jiqsar minħabba li żdiedu żewġ saċerdoti oħra bħala mħallfin. B'hekk it-Tribunal t'Għawdex issa għandu erba' mħallfin u żewġ udituri. Hu ħabbar ukoll diversi tibdiliet fl-istrutturi djoċesani fosthom tal-Kleru, tal-Kateketika u l-Kummissjoni Liturġika.


# RAYMOND CEFAI
## TAL-KELBA LTD.

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE & GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Kummentarju (1)




# Ir-Relazzjonijiet Fraterni bejn l-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex




minn Mons. Joseph Bezzina

**Matul ix-xhur li fihom kien għaddej il-proċess tal-għażla ta' l-isqfijiet ġodda ta' Għawdex u ta' Malta, inkitbu numru mhux ħażin ta' artikli spekulattivi – frott l-imaġinazzjoni fertili ta' xi ġurnalisti – li pinġew iż-żewġ djoċesijiet tan-nazzjon Malti bħallikieku kienu f'xi gwerra bierda bejniethom.**

Xejn ma hu iktar bogħod mill-verità. Jekk forsi fl-imgħoddi remot kien hemm xi differenzi, dawn ilhom is-snin li saru ħaġa tal-passat.

It-Tieni Sinodu Djoċesan ta' Għawdex, f'artiklu 11, jistqarr li "bit-twettiq tal-Kanoni 455, il-Knisja Għawdxija tilqa' fedelment id-digrieti tal-Konferenza Episkopali Maltija u filwaqt li tipprova żżomm is-sħuħija ma' l-arċidjoċesi ta' Malta li minnha ġiet maqtugħa, bil-mezzi tagħha tagħmel dak kollu li tista' biex ixerred is-saltna ta' Alla fil-komunità nazzjonali permezz ta' għamliet li huma adatti għaċ-ċirkustanzi taż-żminijiet tal-lum."

Il-Konċilju Vatikan II, fid-digriet Christus Dominus dwar l-uffiċċju pastorali ta' l-isqfijiet fil-Knisja, isemmi l-ħtieġa ta' kollaborazzjoni kontinwa bejn djoċesi u oħra meta jittratta l-istruttura u l-kompetenza tal-konferenza episkopali (parag. 38).

L-istatut tal-Konferenza Episkopali Maltija, imfassal minnha stess, kien approvat mis Santa Sede nhar l 1 ta' Mejju, 1969. Il-Konferenza għandha l-Arċisqof ta' Malta bħala president, u l-Isqof ta' Għawdex, u l-Isqof Awżiljarju, bħala membri. Id-digriet jitkellem fit-tul dwar il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni bejn l-isqfijiet ta' nazzjon u ta' reġjun u dwar il-konsultazzjoni kontinwa li għandu jkun hemm bejn l-isqof u dawk kollha taħt il-kura tiegħu.

Il-kanoni 455, li jitkellem dwar il-Konferenza Episkopali, jafferma li, minkejja dan, il-kompetenza ta' kull isqof djoċesan individwali tibqa' bla mittiefsa ħlief fil-każijiet fejn skond il-liġi universali jew b'ordni speċjali tas-Santa Sede, il-Konferenza Episkopali jkollha setgħat ikbar.

Kull djoċesi trid tieħu ħsieb il-problemi partikolari li jinħolqu, trid tagħraf tuża bl-aħjar mod ir-riżorsi umani u materjali tagħha, u trid taħdem bid-diffikultajiet u l-limitazzjonijiet kollha tagħha.

Madankollu ma tistax tibqa' lura u ma tagħtix sehemha, kbir jew żgħir, f'ħidma pastorali li fiha iktar minn djoċesi waħda jkunu involuti jew fil-każ li jkun meħtieġ li tinstab soluzzjoni għall-problema nazzjonali. Għalhekk il-kamp, fejn jistgħu jkunu preżenti u attivi l-konferenzi episkopali, huwa wiesa' ħafna u jvarja minn pajjiż għall-ieħor.

David's Bakery Caterers

Il-Kwalità l-ewwel!

Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131



Din is-sħuħija tad-djoċesi ta' Għawdex ma' l-arċidjoċesi ta' Malta mhix nieqsa. Sa minn meta twaqqfet il-Konferenza Episkopali Maltija kien hemm diversi okkażjonijiet li fihom, il-kooperazzjoni bejn l-isqfijiet tat il-frott tagħha. Biżżejjed insemmi r-riforma fl-amministrazzjoni finanzjarja. il-pubblikazzjoni tal-Bibbja bil-Malti fis-sena 1984, il-ħidma sfiqa għall-ħarsien ta' l-eżistenza u l-awtonomija ta'l-iskejjel tal-Knisja f'Malta u Għawdex, u ħidmiet kbar oħra.

Il-*Bullettin* ta' l-Arċidjoċesi u l-*Atti tal-Kurja* t'Għawdex jippubblikaw regolarment l-interventi u d-dikjarazzjonijiet kollettivi ta' l-isqfijiet Maltin, fuq ħwejjeġ importanti bħalma huma l-abort, il-vjolenza, l-*Aids*, is-sehem tal-mara fis-soċjetà, l-ambjent, u ħafna materji oħra ta' interess nazzjonali.

Din il-kooperazzjoni tidher ukoll fl-itrra pastorali konġjunta bejn l-Isqof ta' Għawdex u l-Arċisqof ta' Malta li joħorġu minn żmien għal żmien, u b'mod regolari fil-bidu tar-Randan u fil-festa ta' Santa Marija.

Għall-ġid tal-poplu ta' Alla f'Malta u Għawdex, jiswa ħafna li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ djoċesijiet ikomplu jitjiebu u jissaħħu. Aktar milli diċeriji, qlajjiet, u spekulazzjonijiet fuq ċerti ġurnali, iż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex jeħtieġu t-talb tagħna u l-kooperazzjoni ta' kulħadd biex titwettaq ħidma pastorali effiċjenti għall-ġid tal-Poplu t'Alla, familja waħda t'Alla, anke jekk b'żewġ djoċesijiet distinti imma fraternament magħquda, f'fidi waħda, u b'imħabba evanġelika li tagħmilhom flimkien parti mill-Knisja Universali ta' Kristu. Din hi t-tama taż-żewġ Isqfijiet.

Ta' Vestru
Bar, Restaurant & Pizzeria
Specializing in Local & Italian Food
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

OFFICE NEEDS

MARIO ZAHRA
Triq il-Muniċipju Ruman,
Victoria, Gozo, Malta.
Res. Tel: 21 563072
Off. Tel: 21 556500
Fax: 21 556500
Mob: 99459387

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Nostalġija... wirja ta' skultura*





'*Nostalġija*' huwa t-titlu ta' wirja ta' skultura fit-terrakotta mtellgħa minn Christopher Ebejer, skultur mill-Qrendi, Malta, fis-sala ta' l-esebizzjonijiet fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

Hawnhekk, ġew ippreżentati lill-pubbliku wħud mix-xogħlijiet li ġew maħduma minn Ebejer f'dawn l-aħħar snin kif ukoll oħrajn miġjubin anke minn kollezzjonijiet privati. Ma' din il-wirja ġie ppreżentat katalogu bil-kulur ta' wħud mix-xogħlijiet li kien qed jesebixxi. Is-suġġetti varjaw minn dak stilistiku, figurattiv, *stillife* kif ukoll anke b'temi mitoloġiċi.

Il-Wirja ġiet inawgurata minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Novembru, fis-6.00 ta' fil-għaxija, liema wirja baqgħet miftuħa għall-pubbliku sal-Ħamis 30 ta' Novembru, 2006.



*Xogħlijiet ta' Ebejer maħdumin fit-terrakotta li kienu esebiti fil-wirja*
***Xellug fuq:** Atlantis* ***Xellug:** Natura morta* ***Lemin:** Remorce*

## *Ifakkru d-90 Anniversarju ta' l-iScouts f'Għawdex*







Fid-19 ta' Novembru, 2006, il-*Victoria Scout Group* organizza parata u quddiesa ta' ringrazzjament biex ifakkar id-90 anniversarju minn mindu beda l-I*scouting* f'Għawdex. L-ewwel trupp Għawdxi kien irreġistrat fl-24 ta' Novembru 1916. Dan kien msejjaħ il-*Gozo Secondary School Group* u kien immexxi mis-Sur C. Flores.

Il-banda tal-Marsa *Scout Group* ukoll ħadet parti fiċ-ċelebrazzjonijiet li għalihom kien hemm preżenti iċ-*Chief Commissioner* u d-*District Commissioner* għal Għawdex. Wara li nġabru quddiem il-Kwartieri Ġenerali ta' l-i*scouts* fir-Rabat, il-Grupp u l-Banda taw wirja spettakolari huma u jimmarċjaw tul it-toroq tar-Rabat. Il-marċ għadda minn Triq Palma, Pjazza San Ġorġ, Pjazza Indipendenza, Pjazza Savina, Triq ir-Repubblika, Triq Putirjal u spiċċa fi Pjazza San Franġisk. Kienu ħafna t-turisti u l-Għawdxin li segwew dak li kien qed jiġri, filwaqt li nġibdu numru kbir ta' ritratti ta' dan l-avveniment hekk ikkulurit.

L-Eċċ.Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, megħjun mir-Rev. Dr. Joseph Farrugia, il-Kappillan tal-grupp, mexxa quddiesa kkonċelebrata fil-knisja ta' San Franġisk. Fost il-mistiedna distinti kien hemm is-Sinjura A. Tabone, mart l-iSpeaker, is-Sur Tabone, is-Sindku tar-Rabat Robert Tabone, is-Sindku tax-Xewkija, l-Avukatessa Monika Vella, is-Sur Anthony Borg li kien qed jirrappreżenta lil Ministru għal Għawdex, il-Kelliem għal Għawdex ta' l-Oppożizzjoni, l-Avukat Anton Refalo, is-Sinjur u s-Sinjura D. Clements, is-sinjura D. Scriven, Fr A. Briffa Cap.

***Fuq:** L-iScouts Għawdxin u Maltin jimmarċjaw fl-inħawi ta' Pjazza Indipendenza, ir-Rabat.* ***Fin-nofs:** Il-Banda ta' l-iScouts tal-Marsa flimkien mal-Grupp tal-Victoria Scouts, quddiem il-Kwartieri Ġenerali ta' l-iScouts, fir-Rabat.* ***Xellug:** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Grech jidher jirċievi l-pittura oriġinali bit-tema ta' 'The Pathfinder', mingħand il-Kap tal-Grupp, Lorrie Saliba u ċ-ċermen tal-Kunsill Joseph Cassar (kemmxejn jidher, fuq il-lemin)*

*Scout Association Chaplain, Chief Scout* is-Sur V. Cassar, is-Sur Rizzo *Chief Commissioner*, l-ex *Chief Scout* is-Sur J. Rizzo u is-Sur J. Mizzi.

Waqt iċ-ċerimonja, il-*Group Scout Leader* Lorrie Saliba flimkien mal-*Leaders, scouts* u *cubs* li kienu hemm ġeddu l-*iScout Pr*omise. Pittura oriġinali tal-pittur is-Sur Austin Camilleri bit-tema tal-"*Pathfinder*" ġiet ippreżentata lil Mons. Isqof.

Wara l-i*Scouts* immarċjaw lejn il-Kwartieri Ġenerali tagħhom fir-Rabat fejn l-Isqof Grech kien il-mistieden ta' l-unur. L-Isqof dar il-kwartieri, fejn żar it-taqsimiet kollha u ltaqa' ma' kull membru tal-grupp. *Venture Scout Leader* George Said u *Cub Scout Leader* Anita Muscat irċevew il-*warrants* tagħhom mingħand iċ-*Chief Scout* Vince Cassar. Id-*District Commissioner* għal Għawdex is-Sur Joseph Grech kixef plakka kommemorattiva waqt li din tbierket mill-Isqof. Fl-aħħar l-iscouts stiednu lil dawk kollha preżenti għal riċeviment.



*L-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech jidher jitkellem mal-'cub scouts' waqt li kienu qed jistennew sabiex jieħdu ritratt flimkien ta' l-okkażjoni, barra l-knisja ta' San Franġisk, hekk kif spiċċat il-quddiesa ta' ringrazzjament.*

## *Inawgurat proġett ta' ħidma fuq il-villaġġ artiġanali ta' Ta' Dbieġi*



Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, 2006, ġie nawgurat proġett ta' ħidma li saret mill-*Malta Industrial Parks* fejn permezz ta' investiment ta' Lm70,000 kofinanzjat ma' l-Unjoni Ewropea (li ħallset 75% taħt il-programm ERDF) ġie mtejjeb il-villaġġ ta' Dbieġi, San Lawrenz. Permezz ta' dan l-investiment ġie mtejjeb l-ispazju mħejji għall-espansjoni tal-faċilità industrijali kif ukoll sar xogħol fuq il-pavimentar, dawl, għamara u kisi tat-toroq. L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett saret mill-Ministru Austin Gatt, il-Ministru Giovanna Debono u s-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo.

Il-Ministru Austin Gatt spjega li l-fatt li dan hu ċentru tas-snajja' tradizzjonali, jfisser li l-prijorità biex jitranġa ma kinitx biss industrijali imma wkoll biex jittejjeb il-prodott turistiku għawdxi. Dawn l-impriżi huma attrazzjoni turistika u bl-investiment li sar għandu jkun *stopping-point* ovvju għat-*tours* madwar Għawdex. Huwa semma l-importanza ta' l-artiġanat fl-industrija għawdxija kif ukoll l-importanza li għandha tingħata lill-aspetti oħra ta' l-industrija ġewwa Għawdex.

Min-naħa tagħha, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono qalet li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett hija konferma oħra min-naħa tal-Gvern dwar l-impenn tiegħu favur in-negozji żgħar li joperaw fl-artiġanat f'Għawdex. Hija saħqet li s-settur ta' l-artiġanat għandu potenzjal kbir f'Għawdex u kien għalhekk li l-Gvern investa b'mod dirett fil-bini ta' l-estensjoni taċ-ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri, il-bini ta' l-ewwel *Incubation Centre* ta' l-artiġanat f'Għawdex, u l-proġett li kien ġie nawgurat dakinhar fil-Villaġġ tas-Snajja' Ta' Dbieġi. Il-Ministru Giovanna Debono semmiet ukoll it-tikketta ta' garanzija ta' ġenwinità ta' prodotti artiġanali għawdxin li l-Gvern, permezz tal-Ministeru tal-Kompetittività u Komunikazzjoni nieda iktar kmieni din is-sena, kif ukoll id-diversi korsijiet f'oqsma ta' l-artigjanat li l-Ministeru għal Għawdex qiegħed jorganizza u li għalihom bħalissa qed jattendu 175 persuna filwaqt li 73 ruħ oħra temmew b'suċċess l-ewwel għadd ta' korsijiet offruti matul is-sena akkademika preċedenti.



Tkellem ukoll l-Onor. Edwin Vassallo li semma li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett kienet biss il-bidu. Issa kien imiss it-tieni fażi, li jkun hemm iktar *marketing* ta' dan il-villaġġ, li huwa villaġġ sħiħ iżda differenti għaliex jilqa' fih setturi differenti ta'l-artiġanat.

## *Tintemm l-ewwel sensiela ta' korsijiet li saru permezz tal-fondi tal-UE*

Sitta u tletin student adult li temmew il-korsijiet tagħhom offruti miċ-ċentru ta' l-Università t'Għawdex, nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, ġew ippreżentati b'ċertifikat mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Dawn il-korsijiet ingħataw fl-oqsma ta' l-Agrikoltura, ta' *business studies*, *e-commerce* u informatika, u studji marbuta ma' l-ippjanar u l-immaniġġjar ta' l-ambjent.

Fl-indirizz tagħha, il-Ministru Debono stqarret li kien ta' sodisfazzjon għaliha li tara lil dan l-ewwel grupp ta' studenti jtemmu dawn il-korsijiet li saru matul l-aħħar sena akkademika permezz tal-Fondi Strutturali ta' l-Unjoni Ewropea u fondi tal-Gvern Malti. Il-Ministru tkellmet dwar l-importanza tat-tkomplija ta' l-istudju u t-tagħlim, kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għal studenti iżjed maturi.



*Waqt il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Mix-xellug għal-lemin jidhru l-Ministru Giovanna Debono, il-Professur Lino Briguglio u Charles Muscat (Charles Muscat qed jirċievi ċertifikat għall-kors li għamel fl- 'E-Commerce and IT')*

Fil-preżent qed tiġi organizzata sensiela oħra ta' korsijiet, li huma mistenija li jintemmu f'Ġunju 2007, u li qed isiru fiċ-ċentru Għawdxi ta' l-Università, kif ukoll fiċ-ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri u fl-Istitut għal Studji Turistiċi (Għawdex). Bħalissa qed jiġu offruti 22 kors, b'attendenza ta' madwar 297 student. Matul is-sena akkademika preċedenti ġew offruti 30 kors.



*F'dan ir-ritratt jidhru mix-xellug għal-lemin il-Ministru Giovanna Debono, Professur Lino Briguglio u John Camilleri. (John Camilleri qed jirċievi ċertifikat għall-kors li għamel fl-Agrikoltura)*

## *Premju Ġieħ il-Qala 2006*



***Waqt iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-Premju Ġieħ il-Qala. Mix-xellug għal-lemin jidhru Charlie Mifsud, is-Sindku Paul Buttigieg, Bernard Curmi u Richard Bates.***

Għat-tnax-il sena konsekuttiva, il-Kunsill Lokali Qala, ta l-Premju Ġieħ il-Lokalità, lil Richard Bates, Bernard Curmi u lil Charlie Mifsud, tlett persuni li b'xi mod għamlu ġieħ lil-lokalità tal-Qala, f'oqsma differenti. Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni saret fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-lokalità, nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru, 2006.

F'kelmtejn ta' l-okkażjoni, is-Sindku Paul Buttigieg saħaq sabiex iż-żgħażagħ Qalin jimxu fuq il-passi tat-tlett persuni li din is-sena rebħu Premju Ġieħ il-Qala. "...Impenjaw ruħkom fil-qasam sportiv, użaw l-isport bħala dik il-ħaġa li tibni l-karattru tagħkom u żommu dejjem f'moħħkom li l-aktar ħaġa importanti mhux bilfors li tirbaħ imma li tipparteċipa u żżommu l-*Fair Play* l-aġenda waqt kull attività sportiva li tipparteċipaw fiha." Is-Sindku Buttigieg appella sabiex aktar nies jagħtu ftit mill-ħin liberu tagħhom lil qasam tal-volontarjat, f'kumitati, għaqdiet u b'mod speċjali fost l-anzjani Qalin fejn fil-Qala n-numru ta' anzjani hu kbir kkomparat man-numru ta' residenti. Is-Sindku Buttigieg feraħ lil Bates, Curmi u Mifsud tal-ħidma mwettqa u ta' l-impenn muri minnhom lejn ir-raħal tal-Qala u ħeġġeġ sabiex aktar persuni jimxu fuq l-eżempju tagħhom.

Wara s-Sindku Buttigieg ippreżenta *shield* u tifkira lil Richard Bates, lil Bernard Curmi u lil Charlie Mifsud.



## *Presepju artistiku fil-Banca Giuratale*

Presepju artistiku fil-festi tal-Milied kien għall-wiri fl-entratura tal-Banca Giuratale r-Rabat. Il-Presepju, xogħol il-ħaddiema tal-fergħa Kultura, b'pasturi kbar ta' Mariorick Mifsud, ġie inawgurat uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru.

## *Wirja annwali tal-"Gozo Birds Breeders Society"*

L-Għaqda Għawdxija tat-trobbija ta' l-għasafar magħrufa aħjar bħala l-*Gozo Birds Breeders Society*, organizzat il-wirja annwali tagħha fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat, Għawdex, bejn il-Ħamis 30 ta' Novembru u l-Ħadd 3 ta' Diċembru. F'din il-wirja kien hemm esebiti 'l fuq minn sitt mitt għasfur, ivarjaw minn għasafar ta' l-għana u eżotiċi, ħafna tipi ta' kanali kif ukoll ħafna pappagalli. Esibew tlieta u tletin esibitur u għall-ewwel darba wkoll, sitta minn dawn kienu Maltin. Waqt il-wirja kien hemm għall-bejgħ ħafna tipi ta' għasafar kif ukoll żrieragħ, ikel u oġġetti li jmorru ma' dan id-delizzju. Il-wirja ġiet uffiċjalment miftuħa mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.



*Il-Ministru Giovanna Debono tidher tifli l-għasafar esebiti. Magħha jidher Joe Borg, membru tal-Kumitat tal-Għaqda Għawdxija tat-Trobbija ta' l-Għasafar.*

## "L-imħabba hi biex... tagħti" - Swor Doris Falzon

Id-Dumnikana Swor Doris Falzon, il-Madre tal-Komunità ta' '*Rosary Home*', f'Melbourne, l-Awstralja, irritornat lura, wara żjara fil-Gżejjer Maltin. Ma naqsitx żjara f'Għawdex, bejn it-Tnejn 6 sas-Sibt 11 ta' Novembru, 2006, fejn għaddiet ħafna mill-ħin mas-Sorijiet sħabha fil-*Casa Madre*, il-benniena tal-kongregazzjoni tagħhom, fil-post magħruf bħala Ta' Pompej, fir-Rabat, Għawdex. Aħna ltqajna ma' Swor Falzon fil-ġnien tal-kunvent fejn kellha dan x' tgħidilna.

*"...li tiġi mill-Awstralja sabiex tiltaqa' ma' sħabek is-sorijiet hija dejjem esperjenza li tagħtik gost, avolja l-vjaġġ huwa twil u jgħejjik. Li tgħaddi ħin f'Għawdex huwa 'treat' l-iktar jekk tgħaddi xi ħin mal-komunità tagħna fil-Casa Madre.*

*"Dħalt fil-kunvent ta' għoxrin sena, studjajt in-'nursing' fl-isptar San Luqa u akkwistajt ir-'registration' fl-Ingilterra. Għamilt sena Ruma ma' komunità internazzjonali fejn studjajt fil-fond l-iSpiritwalità Dumnikana.*

*"Dawn l-aħħar tlieta u għoxrin sena għaddejthom f'Melbourne l-Awstralja. L-ewwel ma' kelli nagħmel hemm kien li nsir naf aktar dwar is-sistema tas-saħħa ġewwa l-Awstralja, allura segwejt kors ta' Diploma: "Diploma in applied sciences for community health nursing". Wara għamilt ftit prattika f'wieħed mill-isptarijiet il-kbar ta' Melbourne. Fin-1986 aħna, is-Sorijiet Dumnikani ta' Malta f'Victoria berikna u ftaħna uffiċjalment 'Rosary Home Aged Care Facility'. Din il-hostel ta' ħamsin sodda li toffri akkomodazzjoni lil anzjani ta' kull kulur jew reliġjon ġiet akkreditata għat-tielet darba. Ir-residenti tagħna jgawdu kwalità ta' ħajja u kura mogħtija mill-ħames sorijiet dedikati mgħejunin minn grupp ta' lajċi impjegati.*



*Swor Doris Falzon (fuq in-naħa ta' wara, it-tieni mil-lemin), flimkien mas-Sorijiet tal-Komunita' Dumnikana f'Ta' Pompej, ir-Rabat, Għawdex.*

*"Il-Komunità ta' Rosary Home, fil-preżent qed titlob u taħdem iebes għall-vokazzjonijiet ġodda. Aħna nemmnu li Alla għadu jsejjaħ żgħażagħ qalbiena li lesti jwieġbu għas-SEJĦA u jgħidu IVA. L-isfidi huma ħafna u varji imma aħna rridu naffrontaw u nkunu differenti, irridu mmorru kontra l-kurrent u naraw il-futur x'għandu lest għalina."*

Swor Doris tixtieq tħeġġeġ żgħażagħ li huma f'salib it-toroq biex jirriflettu b'mod serju fuq il-futur tagħhom. "..Il-ħajja hija prezzjuża u nsibu l-milja tagħha meta ningħataw għal oħrajn."

Dawk interessati fil-ħajja u l-istorja ta' din il-Komunità Dumnikana jew dawk li iħossu li għandhom jħobbu lil Alla fl-oħrajn, kull m'għandhom jagħmlu hu li jżuru l-*website* tagħhom **http://www.dominicansisters.org.mt**_jew iċemplulhom f'Malta fuq **21454893** jew f'Melbourne l-Awstralja fuq **rosaryhome@bigpond.com.au**

## Jitfakkar f'Għawdex il-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabbiltà



*Il-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Edward Fenech Adami (xellug) jidher jagħti ċ-ċwievet tal-vannijiet lil Mons. Manwel Curmi. Fuq il-lemin jidher ukoll Joe Camilleri, ex-għalliem fiċ-Ċivil, li jagħti kontribut sħiħ lill-Fundazzjoni Arka.*

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Diċembru, 2006, il-Fondazzjoni Arka fakkret il-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabbiltà, permezz ta' ċelebrazzjoni ta' quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Ta' Pinu. Wara, l-E.T. Dr. Edward Fenech Adami, President ta' Malta inawgura żewġ vannijiet ġodda li l-Fondazzjoni Arka ser tinqeda bihom għat-trasport ta' persuni bi bżonnijiet speċjali. Ix-xiri ta' dawn il-vannijiet seta' jsir permezz ta' fondi li nġabru waqt il-programm televiżiv l-iStrina.

Il-quddiesa ta' l-okkażjoni kienet iċċelebrata mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Giovanni Bosco Gauci, megħjun minn Mons. Manwel Curmi, Direttur tal-Fondazzjoni Arka, u Mons. Ġwann Cini. Qabel il-preżentazzjoni taċ-ċwievet tal-vannijiet mill-E.T. il-President ta' Malta lil Mons. Manwel Curmi, saru diskorsi qosra ta' l-okkażjoni. Fi tmiem iċ-ċerimonja, ingħata riċeviment fir-ristorant ta' Pinu għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familjari tagħhom. Bħal snin oħra dan ir-riċeviment kien ipprovdut b'xejn mid-ditta *David's Bakery*.



*Mons. Manwel Curmi jbierek il-vannijiet il-ġodda.*

Fl-okkażjoni ta' din it-tifkira wkoll, nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru, 2006, saru taħditiet minn ġenituri ta' persuni bi bżonnijiet speċjali lil studenti li jattendu l-Iskola Post Sekondarja M'Ang Refalo, u l-M.C.A.S.T. L-għan ta' dawn it-taħditiet kien li jitqanqal sens ta' solidarjetà fost iż-żgħażagħ ma' ħuthom tfal u żgħażagħ b'diżabbiltà.

## *Kunċert tal-Milied fl-Iskola Primarja tal-Qala*



Il-kunċert tal-Milied fl-iskola primarja "President Anton Buttigieg" tal-Qala Għawdex sar il-Ħamis 21 ta' Diċembru. Fih ħadu sehem it-tfal kollha li jattendu din l-iskola. It-tfal tal-*kindergarten* u dawk tal-*year* 1, 2 u 3 ħadu sehem fil-*musical The Sleepy Sheperd* filwaqt li l-istudenti tal-*year* 4, 5 u 6 ippreżentaw il-*musical A Present for the Baby*. Chantelle Mifsud ħadmet il-parti tal-Madonna. Il-bniet tal-*year* 6 għalqu l-kunċert permezz tal-*line dancing*. Wara diskors qasir tal-kap ta' l-iskola Ms Maria Buttigieg, tliet studenti Gabriella Anne Curmi, Christoph Caruana u Andrea Shwaiger f'isem sħabhom ippreżentawlha ċertifikat u trofew bħala sinjal ta' apprezzament tal-ħidma sfiqa li twettaq Ms Buttigieg b'risq l-iskola.

*Is-sehem tat-tfal fil-Kunċert tal-Milied fl-iskola primarja President Anton Buttigieg, il-Qala.*







## *Elett bħala Segretarju Ġenerali ta' Partit Politiku*



L-elezzjonijiet għall-karigi għall-Eżekuttiv tal-Alternattiva Demokratika (AD) nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru, wasslu sabiex is-Sur Victor Galea mir-raħal tal-Għarb Għawdex u l-kelliem ta' l-AD għal Għawdex, jiġi elett bħala Segretarju Ġenerali tal-AD. Il-Kap tal-partit l-Avukat Harry Vassallo qal lil *Il-Ħajja f'Għawdex* li "l-esperjenza tas-Sur Galea fl-edukazzjoni, fil-ħidma soċjali u fil-psikoterapija, kif ukoll fl-esperjenza politika ser ikunu bla dubju ta' għajnuna għalih bħala Segretarju Ġenerali u għall-Alternattiva Demokratika."

## *"Christmas Festival" fin-Nadur*



Wara li s-sena 2005 fil-jiem tal-*Christmas Market*, li sar fir-raħal tan-Nadur, ix-xita li qattret kważi l-ħin kollu u li spiċċat biex tellfet ħafna mill-attività għaddejja fil-pjazzetta, il-Kunsill Lokali, Nadur, id f'id mal-kumitat organizzattiv, ra kif għamel biex ħaġa bħal din ma tirrepetix ruħha. U mhux talli ħaseb għal spazju ikbar, billi din id-darba, bejn il-Ħamis 7 u l-Ħadd 10 ta' Diċembru, 2006, kollox ġie trasferit għall-Pjazza San Pietru Pawl, imma talli wkoll intremgħet tinda kbira li wesgħet il-ħlejjaq ta' nies li din is-sena żaru l-*Christmas Festival*. It-tinda setgħet tiddawwal għall-okkażjoni minbarra li sservi ta' kenn mill-maltemp. Taħtha ġew esebiti kull xorta ta' artiġanat marbut mal-Milied, minn ħelu sa xogħol fl-injam u pittura, minn xorb magħsur mil-lumi sa fuħħar u ċeramika. Biex jiġbed aktar nies, fuq palk spażjuż ġie organizzat programm varjat imtella' ħafna minnu, miż-żgħar, li tant taw gost lil min attenda f'xi waħda mis-serati li dam miftuħ.

Fost l-esebiti wieħed seta' jilmaħ presepju artistiku fil-kartapesta maħdum b'ħila kbira min-Naduri Charlie Camilleri li fih spikkaw il-pasturi magħmulin minnu b'tant ħila u dettall. Ta' min jirrimarka wkoll dwar ir-reqqa fl-ilbies fin li kienu mlibbsa bih. Xogħol li tabilħaqq ġibed l-għajn u li hu ta' livell għoli mill-aspett artistiku. L-esebituri ma qagħdux lura milli jesponu l-oġġetti magħmulin minnhom bl-aħjar mod li setgħu u kulħadd seta' jimraħ madwar it-tinda u jiggosta l-frott tal-fantasija u l-kapaċità ta' l-artiġjana. Ħafna kienu kuntenti jħarsu u kultant jiflu xi ċurkett jew ġiżirana imma l-kotra tan-nies xtraw, min oġġett u min iktar, u hekk ikkontribwew għas-suċċess ta' dan il-*Christmas Market* li ma jdumx ma jintrabat mal-lokalità tan-Nadur. Żgur li sew il-Kunsill Lokali, kif ukoll kull min kellu x'jaqsam mas-suċċess ta' dan l-avveniment, għandu għaliex iħossu sodisfatt bir-riżultat u bl-attendenza tal-pubbliku. Il-ftuħ għall-pubbliku tax-xelter naturali li hemm taħt il-pjazza, u l-mod impekkabbli u inġenjuż kif ġie mżejjen, kompla jattira n-nies li kollha kellhom kliem ta' tifħir lejn kull min ta sehmu.



L-Avukat Chris Said, Sindku tal-Lokalità qal lil *'Il-Ħajja f'Għawdex'* li ma kinetx biċċa xogħol ħafifa li tnaddaf u tattrezza b'mod adegwat il-passaġġi mudlama li jserrpu taħt l-art b'rabta mat-twelid mirakoluż f'Betlem. "Kollox ma' kollox kien avveniment li issa li għaddejna minnu, aħna n-Nadurin, u magħna qtajja' ta' Maltin u Għawdxin oħra, se nkunu qegħdin nistennewh bil-ħerqa minn sena għal oħra."

## *Il-35 rappreżentazzjoni tal-'Pageant' tal-Milied f'San Lawrenz*



Fil-pjazza ewlenija tar-raħal ta' San Lawrenz nhar il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2006 fit-8.00pm. ittellgħet il-ħamsa u tletin rappreżentazzjoni tal-*Pageant* tal-Milied. Dan huwa *pageant* dwar l-istorja tat-Twelid ta' Ġesù. Il-bidu ta' dan il-*pageant* kien wieħed modest ħafna, però kien bidu ġenwin fejn il-Lawrenzjani dakinhar riedu juru l-imħabba tagħhom għal Ġesù Tarbija u ta' warajhom wirtu din l-imħabba u għadhom sal-ġurnata tallum itellgħu dan il-*pageant*.

Illum dan il-*pageant* laħaq livell għoli ħafna u apparti kostumi u apparat bibliku ħadu sehem fih madawar 200 ruħ. Meta wieħed iqis il-popolazzjoni ta' dan ir-raħal li tlaħħaq għal ftit aktar minn 500 ruħ, wieħed jista' jimmaġina l-isforz u l-għaqda kollettiva li dan ir-raħal jagħmel sabiex itella' dan il-*pageant* annwali.





Il-*pageant* beda mill-ħolqien ta' Adam u Eva u baqa' sejjer jirrakkonta l-ġrajja ta' kif seħħet l-istorja tas-salvazzjoni. Ta ħarsa wkoll lis-saltniet u l-profeti li ħabbru din il-ġrajja, kif ukoll in-nisġa li l-poplu Lhudi għadda minnha sabiex Alla jippreparah għall-miġja ta' Ibnu stess fuq din l-art. Fl-aħħar dan il-*pageant* spiċċa bit-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u wkoll bl-adorazzjoni tal-Maġi. Biex il-pubbliku preżenti jidħol aktar fl-istorja li kienet qed isseħħ quddiemu, ġie ppreparat *script* u *recording* professjonali li flimkien mal-kostumi ta' l-epoka komplew idaħħlu f'dawk preżenti l-ispirtu veru ta' din il-ġrajja. Il-palk li fuqu ġie ppreżentat dan il-*pageant* kien maqsum fi tlett partijiet. Il-parti prinċipali jiġifieri dik tan-nofs kienet tirrappreżenta lill-Ġerusalemm minn fejn ħarġu l-profeti kollha li ħabbru t-Twelid ta' Ġesù Kristu, fuq il-partijiet tal-ġnub żvolgew l-istejjer kollha relatati naħa mal-ġnien ta' l-Eden u n-naħa l-oħra mas-saltniet marbuta mal-preparazzjoni tal-Miġja tal-Feddej. B'kontradizzjoni il-parti tat-twelid ta' Ġesù ġiet mtellgħa wkoll fuq din in-naħa tal-palk marbuta mas-saltniet, però fejn qabel kienu jispikkaw r-rikkezzi, kien jidher il-faqar u l-umiltà ta' din it-tarbija.





Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u wieħed mill-organizzaturi ewlenin qal lil *'Il-Ħajja f'Għawdex'* "huwa proprju dan l-iskop, ta' dan il-*pageant*, li wassal lil dawk kollha li żaru r-raħal ta' San Lawrenz jgħixu mument ta' paċi u jifhmu eżatt x'mar jagħmel Alla għalina l-bnedmin".

## *Ċelebrazzjonijiet tas-Sena l-Ġdida fil-qalba tar-Rabat Għawdex*



Eluf ta' nies ikkonkorrew bi ħġarhom għall-attività popolari organizzata mill-Kunsill tar-Rabat, Għawdex biex flimkien jiċċelebraw il-bidu ta' sena ġdida, is-sena 2007. L-attività saret fiċ-ċentru tar-Rabat, taħt tinda fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk) u bdiet il-Ħadd 31 ta' Diċembru minn kmieni filgħaxija, madwar id-9.30, u baqgħet għaddejja sas-sigħat bikrin ta' filgħodu, f'atmosfera ta' briju u ferħ popolari. L-attività kienet tikkonsisti f'daqq ta' ġeneri differenti ta' mużika li jvarjaw minn stil klassiku, għal romantiku, latin, pop u kummerċjali sabiex jintlaqtu l-gosti ta' dawk kollha preżenti. Il-qofol tas-serata ntlaħaq waqt l-aħħar siegħa qabel nofs il-lejl, fejn il-folla numeruża setgħet tapprezza t-talent tal-grupp mużikali lokali, il-*Winter Moods*, u mar-ritmu tal-mużika allegra tagħhom kulħadd, żgħar, żgħażagħ, adulti, anzjani, irġiel u/jew nisa, kantaw, żifnu u ċapċpu magħhom.

Robert Tabone, Sindku tal-Belt Victoria qal lil *'Il-Ħajja f'Għawdex'*: "Huwa ċar li attivitajiet bħal dawn jintlaqgħu tajjeb ħafna mill-pubbliku in ġenerali. Huwa għalhekk li l-Kunsill Lokali mħeġġeġ minn dan l-istat ta' fatt, kif ukoll ispirat mir-responsabbiltà ewlenija tiegħu li jsaħħaħ l-infrastruttura soċjali tal-lokalità u tal-komunità, lest li jibqa' jaħdem bi sħiħ sabiex jorganizza iktar attivitajiet simili fil-futur".

ATTWALITÀ

# L-EDIZZJONI TAL-MILIED TAL- GOZO INTERNATIONAL CELEBRATION 2006

Ir-raba' edizzjoni tal-*Gozo International Celebration* saret nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 2006 fil-Knisja Arċipretali tal-Qala. Din kienet it-tieni darba li saret l-Edizzjoni tal-Milied ta' dan l-avveniment li jaf il-bidu tiegħu eżattament sena ilu.

Fl-edizzjonijiet kollha tal-*Gozo International Celebration* attendew folol kbar ta' residenti barranin minn Għawdex u Malta, Għawdxin u Maltin u numru ta' VIPs minn kull strata tas-soċjetà. F'din l-edizzjoni li kellha t-tema ***Born for all Humankind***, rajna l-attendenza tal-E.T. Mons. Mario Grech, l-Isqof t'Għawdex, il-Kummissarju Għoli Awstraljan għal Malta, l-E.T. Jurek u s-Sinjura Juszczyk, l-Ambaxxatur ta' l-Italja għal Malta, l-E.T. Paolo Andrea u s-Sinjura Trabalza; l-Ambaxxatur tal-Federazzjoni Russa għal Malta, l-E.T. Andrey u s-sinjura Granovsky kif ukol l-Ambaxxatriċi Spanjola għal Malta, l-E.T. Marta Vilardell Coma. Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono kienet ukoll preżenti.

Tajjeb ngħidu li r-residenti barranin f'Għawdex ġejjin minn 53 nazzjonalità differenti u f'din l-edizzjoni attendew Ingliżi, Skoċċiżi, Welsh, Svizzeri, Olandiżi, Ġermaniżi, Eġizjani, Amerikani u Kanadiżi u kienu jħaddnu reliġjonijiet li kienu jvarjaw minn Kattoliċi, Protestanti, *Church of England*, *Church of Scotland*, *Salvation Army*, Metodisti, Anglikani, Musulmani, Buddisti u Kristjani Agnostiċi.

F'din l-edizzjoni ħadu sehem il-grupp rinomat Għawdxi, *Island Brass*; il-korijiet Qalin *San Ġużepp* u *Magnificat*; il-*Menhir Qala Folk Group*, l-organista *Mario Portelli*, is-solisti *Roxana Xuereb* u *Angelo Mizzi*; l-althornista *Omar Zerafa*; it-*Tic Tac Dancers* u bil-parteċipazzjoni tal-*Abbatini Qalin*. Il-Kumitat Organizzattiv kkonsidra l-ħafna suġġerimenti u kummenti ta' dawk li attendew f'edizzjonijiet preċedenti u ġew inklużi f'din l-edizzjoni u l-edizzjonijiet futuri.

Dan l-avveniment uniku fil-gżejjer Maltin hu organizzat mill-Kumitat Organizzattiv tal-GIC li hu mmexxi mill-Arċipriet tal-Qala, il-Kanonku Dr. Joseph Zammit u għandu bħala membri lil Dun Charles Buttiġieġ, Horace Mercieca u Dr. Raymond C. Xerri.

**Dr. Raymond C. XERRI**
L-Organizzatur Ewlieni u Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal- *Gozo International Celebration* 2006







Kummentarju (2) - L-ewwel Parti

# "Streaming"! Għandu Jitneħħa?





minn HORACE MERCIECA

**Is-sistema msejħa *Streaming*, sistema li biha t-tfal fl-iskola jitqassmu fi klassijiet skond l-età u l-ħila, ilha magħna għal aktar minn mija u ħamsin sena. Iżda l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (1999) jipproponi li din is-sistema tinbidel. Dan it-tibdil ikun jinteressa mhux biss lill-għalliem, iżda aktar u aktar lit-tfal u għaldaqstant lill-ġenituri. Fl-aħħar ġimgħat, is-sistema *Streaming* reġgħet kienet fl-aħbarijiet...u l-kontroversja ma tonqosx. Horace Mercieca, li għal diversi snin kien Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, jidħol fil-fond tal-kwestjoni f'żewġ artikli li kiteb għar-Rivista tagħna. F'dan l-ewwel artiklu hu jagħti ħarsa lejn l-istorja tas-sistema *Streaming* f'Malta u Għawdex.**

### *Introduzzjoni*

Wieħed mit-temi li l-aktar kien ħoloq kontroversja fost l-għalliema meta ġie ppubblikat l-Abbozz tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali ġdid fit-2 ta' April 1998, kien it-tneħħija ta' l-*istreaming* fl-iskejjel primarji. Għalhekk, meta ġie ppubblikat il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali "*Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien*", f'Diċembru 1999, ittieħdet deċiżjoni li t-tneħħija tiegħu tiġi posposta, però "iqis is-snin li ġejjin bħala fażi tranżitorja li matulha trid titħejja l-infrastruttura edukattiva neċessarja, jissaħħaħ it-taħriġ ta' l-għalliema f'dan il-qasam, u ssir kampanja formattiva fost il-ġenituri li twassal għall-bidla fil-mod kif is-soċjetà tħares lejn il-proċess edukattiv."

### *Il-Bidu ta' l-iStreaming f'Malta*

Meta nħarsu lura lejn l-istorja ta' l-edukazzjoni f'Malta, aħna nsibu li minn żmien id-direttorat tal-Kanonku Paolo Pullicino fl-1850 sal-lum, b'eċċezzjoni qasira bejn l-1971 u l-1974, il-politika uffiċjali fl-iskejjel dejjem kienet li nagħżlu t-tfal u npoġġuhom fi klassijiet skond l-abbiltà tagħhom. Infatti, meta fil-1852 l-iskejjel primarji f'Malta kienu bdew jiżdiedu ġmielhom, il-Kanonku Pullicino, fit-Tieni Rapport tiegħu fuq l-edukazzjoni primarja, kien kiteb li kull skola kienet mqassma f'diversi klassijiet skond l-abbiltà tat-tfal. F'ċirkulari li kien ħareġ l-istess Kanonku Pullicino fl-1856, hu kien avża lill-għalliema li fl-aħħar ta' kull sena skolastika kellu jsir eżami, li fuq il-bażi tar-riżultat tiegħu, it-tfal kellhom jew jiġu promossi jew kellhom jirrepetu l-klassi. L-għalliema, milli jidher, kienu qed jikkonċentraw iżżejjed fuq it-tfal il-"bravi" u jagħtu l-ġenb lill-bqija, għax Pullicino fl-1861 kien ħareġ ċirkulari oħra fejn wissa lill-għalliema biex jagħtu attenzjoni ugwali lit-tfal kollha. Però, l-prattika ta' l-għalliema ftit li xejn kienet inbidlet għaliex Keenan, fir-Rapport tiegħu ta' l-1878 fuq is-sistema edukattiva f'Malta, jagħmel riferenza għall-prattika ta' l-għalliema li kienu qed jikkonċentraw fuq kwart ta' l-istudenti għad-dannu tal-bqija.

### *Espansjoni Mgħaġġla ta' l-Edukazzjoni*

Il-Maltin ħarġu mit-trawma ta' l-aħħar gwerra b'ideat u b'aspettattivi ġodda. Il-barrikati soċjali bdew jaqgħu waħda wara l-oħra u tfaċċat komunità aktar omoġenja u anqas razzista. Il-Ġnus Magħquda ħarġu d-*Declaration of Human Rights* u waqqfu Aġenziji speċjali biex jippromwovu l-edukazzjoni, il-kultura u s-saħħa tat-tfal fost affarijiet oħra. Dawn is-snin ta' wara l-gwerra raw espansjoni mgħaġġla ta' l-edukazzjoni f'Malta. Inbeda programm qawwi ta' bini ta' skejjel madwar Malta u Għawdex (f'ħafna irħula f'Malta u f'Għawdex, il-Gvern kien għadu jinqeda bi djar spazjużi li kien jikri biex iservu bħala skejjel) biex jagħmel tajjeb għaż-żieda tal-popolazzjoni tat-tfal fl-iskejjel li kienet dejjem qed tikber, bejn minħabba il-*Compulsory Education Act* (1946), u bejn minħabba l-*baby boom* ta' wara l-gwerra li kienet tellgħet ir-rata tat-twelid għal 8000 fis-sena. Wara l-*Compulsory Education Act*, fl-1970 għaddiet ukoll il-liġi ta' l-Iskola Sekondarja għal kulħadd, u fl-1974, l-età li fiha t-tfal setgħu jħallu l-iskola telgħet minn 14 għal 16-il sena.



*"Comprehensive Education"*

Bl-introduzzjoni ta' l-iskejjel sekondarji għal kulħadd fl-1970, it-tfal li kienu jispiċċaw l-iskola primarja xorta baqgħu jagħmlu l-eżami biex, min jgħaddi, kien jidħol fil-liċeo u dawk li ma jgħaddux, kienu jiġu mibgħuta f'waħda mill-iskejjel sekondarji mferrxin ma' Malta u Għawdex. Fl-1971 sar attentat biex jiġi eliminat dan l-*istreaming* billi ġiet introdotta l-*Comprehensive Education*. Fit-22 ta' Diċembru 1971, ħarġet *Circular* 227/71 li avżat lill-kapijiet ta' l-iskejjel kollha li l-eżamijiet ta' nofs u ta' l-aħħar tas-sena ma kenux ser jibqgħu jsiru, u aktar tard *Circular* 82/72 innotifikat lill-iskejjel kollha li t-tfal kienu ser jibdew jgħaddu mil-livell primarju għal dak sekondarju mingħajr ma jagħmlu l-ebda eżami.

*Lura għall-iStreaming*

Iżda ġara li bit-tneħħija ta' l-*istreaming* u ta' l-eżamijiet u bl-introduzzjoni tal-*continuous assessment,* l-edukazzjoni fl-iskejjel ta' l-Istat bdiet sejra lura u kien hemm eżodu sħiħ ta' tfal mill-iskejjel ta' l-Istat għall-iskejjel tal-Knisja u tal-Privat. Konxju minn din is-sitwazzjoni, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fl-1974 iddeċieda li jreġġa' l-arloġġ lura bi tliet snin u jerġa' jintroduċi l-eżamijiet u l-*istreaming* : *Letter Circular* 1/74 avżat lill-iskejjel kollha li kienu ser jerġgħu jibdew isiru l-eżamijiet, b'waħda mir-raġunijiet miġjuba tkun biex jiġi faċilitat l-*istreaming* tat-tfal fl-iskejjel. Għadda ftit taż-żmien ieħor u fl-1981 reġgħu tfaċċaw il-liċej antiki taħt is-sura ta' *Junior Lyceums*. Fl-aħħar tal-*Year 6*, it-tfal ta' l-iskejjel primarji bdew jagħmlu eżami kompetittiv mfassal minn Bord Nazzjonali mwaqqaf mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni u taħt l-awspiċi tat-*Test Construction Unit*. Dawk it-tfal li kienu jgħaddu minn dan l-eżami kienu jmorru fil-*Form One* tal-*Junior Lyceum*, filwaqt li dawk li kienu jeħlu, kienu jmorru fl-ewwel klassi ta' l-iskejjel sekondarji. Dawn iż-żewġ kategoriji ta' studenti kienu jiġu mġiegħla jilbsu uniformi differenti biex jintgħażlu minn xulxin. Inħolqu wkoll l-*Opportunity Centres* għal dik il-faxxa dejqa ta' tfal batuti ħafna li fl-eżami annwali tal-*Year 6* ma kenux iġibu aktar minn 15-il marka fit-tliet suġġetti, Malti, Ingliż u Matematika. Dawn it-tfal kien jingħatalhom programm ta' tagħlim mfassal skond il-ħtiġijiet limitati tagħhom.

Għalhekk il-*Comprehensive Education* f'Malta kellha ħajja qasira. Fl-1982, ġew introdotti ukoll fuq livell nazzjonali l-eżamijiet fl-iskejjel primarji u t-tfal bdew jiġu 'strimjati' mill-*Year 3* sal-*Year 6*. Però, mill-1986, permezz ta' *Personal Note 9/5/1986*, l-*istreaming* ma baqax isir fil-*Year 3* u aktar tard, mill-1990, permezz ta' *Letter Circular Primary 1990*, l-*istreaming* tneħħa wkoll mill-*year 4* u baqa' jsir sal-lum fl-aħħar sentejn ta' l-iskola primarja. Tajjeb li wieħed jinnota li għalkemm l-*istreaming* m'għadux isir fl-ewwel erba' snin ta' l-iskola primarja fuq bażi ta' l-abbiltà tat-tfal, però xorta għadu jsir fuq il-bażi tad-data tat-twelid tat-tfal.

*(Jissokta fil-ħarġa li jmiss)*


ĠITA TA' L-GĦID
FL-ITALJA
PMC PAUL M. CASSAR TOURS
MID-9 SAT-13 T'APRIL
B'ATTRAZZJONI SPEĊJALI
ŻJARA F'SAN GIOVANNI ROTONDO
FEJN HU MEQJUM
S.PIJU TAL- PJAGI (PADRE PIO)
Inżuru wkoll : REGGIO - PIETRELCINA,
MONTE S.MICHELE - S.MARCO IN LAMIS,
ALBEROBELLO - CASTELLANA U COSENZA
Prezz : Lm189. Dan jinkludi t-titjiriet, l-akkomodazzjoni Full Board, jigifieri rqad, breakfast, pranzu u ċena kuljum kif ukoll l-excursions kollha bil-pullman.
*Programmi u Bookings mill-Aġenzija John Portelli Ent. 7 Pjazza Indipendenza, Victoria, Tel.21561212/3 jew m'għand l-Organiżżatur Paul M. Cassar-S.Giorgio- Triq Vajrinġa, Victoria. Tel.21551004-79021033*






### *Id-Diskors tas-Sena*

Il-konferenza mlissna minn Benedittu XVI f'Ratisbona ntagħżlet bħala d-"diskors tas-sena" bil-lingwa Ġermaniża. Dan sar mis-*Seminar der Allgemeine Rhetorik*, il-famuża Skola tar-Retorika Ġenerali ta' l-Università ta' Tubinga. Il-konferenza tal-Papa fit-12 ta' Settembru 2006, skond il-ġurija mmexxija minn Gert Ueding, "hi mibnija maġistralment fil-kompożizzjoni diretta imma sħiħa ta' livelli" u sfumaturi. Id-diskors kien "maġistrali" u l-verżjoni li taw il-mezzi ta' komunikazzjoni kienet "simplifikatriċi", billi wasslet biex it-test jiftiehem ħażin, spjegat l-imsemmija Skola. Ir-rikonoxximent hu wieħed mill-aktar prestiġjużi fl-ilsien Ġermaniż.

### *Il-qagħda tal-globu*

Waqt li analizza "elementi pożittivi" tal-qagħda internazzjonali, Benedittu XVI qal fit-8 ta' Jannar 2007 li d-djalogu bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet qed jaqbad art. Qal dan waqt li kien qed jagħmel bilanċ ta' l-istat tad-dinja fid-diskors tal-bidu tas-sena fil-Vatikan lill-ambaxxaturi tal-Pajjiżi li jżommu relazzjonijiet dipolomatiċi mas-Santa Sede. Fost l-oħrajn, il-Papa rringrazzja lil Kofi Annan għall-ħidma mwettqa tul iż-żewġ mandati tiegħu bħala segretarju ġenerali tal-Għus Magħquda sal-31 ta Diċembru li għadda, u fformula l-awguri tiegħu lil Ban Ki-moon, is-suċċessur ta' Annan.

### *Insara ppersegwitati*

Fl-2007, 250 miljun persuna se jsofru persekuzzjonijiet sempliċement għax jimxu wara Ġesù Kristu, skond *Release International*, l-organizzazzjoni li toqgħod għassa ta' każi ta' persekuzzjoni, ibbażata fir-Renju Unit. B'mod partikolari, l-organizzazzjoni turi li l-persekuzzjonijiet qed jikbru rapidament fid-dinja iżlamika. *Release International* ivverifikat li l-biċċa l-kbira tal-persekuzzjonijiet iseħħu f'erba' żoni distinti: ta' l-Islam, tal-Komuniżmu, ta' l-Induwiżmu u tal-Buddiżmu. Anke l-gvernijiet tal-pajjiżi Musulmani moderati spiss ma jaslux biex jiddefendu d-drittijiet tal-minoranzi nsara, spjegat l-Organizzazzjoni. L-abbużi li jsofru l-insara jinkludu sekwestri, konverżjonijiet forzati, detenzjoni, tkissir ta' knejjes, torturi, vjolenzi u esekuzzjonijiet.

### *Il-Laqgħa Ewropea taż-Żgħażagħ ta' Taizé*

Ġinevra se tilqa' fi tmiem din is-sena 2007 il-laqgħa Ewropea li jmiss taż-Żgħażagħ organizzata mill-Komunità Ekumenika ta' Taizé. Qal dan Frère Alois Loser, suċċessur ta' Frère Roger Shutz bħala prijur ta' din il-Komunità, waqt pellegrinaġġ fil-kapitali tal-Kroazja mit-28 ta' Diċembru sa l-1 ta' Jannar, li ħadu sehem fih madwar 40,000 żgħażagħ. Frère Loser ħabbar ukoll li se tiġi ċċelebrata laqgħa Latino-Amerikana għaż-żgħażagħ mill-10 sa' l-14 ta' Ottubru f'Cochabamba fil-Bolivja. Il-Komunità ta' Taizé twaqqfet minn Frère Roger Schutz, assassinat fl-età ta' 90 sena, fis-16 ta' Awissu 2005, tul laqgħa ta' talb iċċelebrata fil-lokalità żgħira Franċiża ta' Taizé, minn waħda skwilibrata ta' 36 sena.

### *Hard rock fl-Infern!*

Mons. Marco Frisina, kompożitur magħruf ta' mużika reliġjuża kkompona verżjoni mużikali stravaganti tad-*Divina Commedia*, li fiha mużika sinfonika fil-Ġenna, kant Gregorjan fil-Purgatorju u *hard rock* fl-Infern. Dan m'huwiex ġudizzju ta' valur fuq il-mużika *rock* – sempliċement deher li jaqbel ma' l-ispirtu ta' ribelljoni fid-deskrizzjoni ta' Dante dwar l-Infern, qal Mons. Frisina lir-Radju Vatikana fl-4 ta' Jannar. Il-biċċa xogħol "*Id-Divina Commedia: L-Opra*" se tuża orkestra ta' 100, 50 żeffiena u kantanti u aktar minn 250 kostum, skond Frisina. Hu qal li jittama li l-Papa jattendi l-*premiere* f'Ruma fil-ħarifa li ġejja. Il-produzzjoni mistennija ddur l-Ewropa.

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

L-INTERVISTA



# 40 SENA FIL-PARLAMENT

***Anton Tabone, illum Speaker tal-Parlament Malti, jagħti ħarsa lura lejn erbgħin sena ta' ħidma parlamentari, f'intervista ma' Joseph W. Psaila.***

***Inti bdejt il-karriera politika tiegħek meta kont għadek żagħżugħ. Taħseb li llum iż-żgħażagħ Għawdxin isibu x'jimmotivahom biex jaqbdu karriera politika? Il-motivazzjoni hi biżżejjed jew hi meħtieġa wkoll it-tħejjija?***

Hu minnu li jiena bdejt il-karriera tiegħi meta kont għadni żagħżugħ. Kelli 28 sena. Huwa veru wkoll li kien hemm ċirkostanzi partikolari li wassluni biex nieħu dik id-deċiżjoni. Missieri kien Membru tal-Parlament u marad serjament meta waslet l-elezzjoni ġenerali tal-1966. Kienet saret sejħa lili mill-Partit Nazzjonalista u mill-elettorat biex inkompli fejn kien se jkollu jħalli hu. Nistqarr li l-pressjoni fuqi biex nikkontesta, kif ukoll is-sens ta' responsabbiltà li ħassejt f'dak il-mument wassluni biex naċċetta u kkontestajt l-elezzjoni ġenerali li saret fi Frar tas-sena 1966.

Nemmen bis-sħiħ li ż-żgħażagħ jistgħu u għandhom ikunu mpenjati fil-ħajja pubblika li tista' twassalhom biex jaqbdu karriera politika. Nista' ngħid li qabel wasalt biex nidħol fil-politika billi nikkontesta l-elezzjoni, kont diġa interessat u mpenjat fuq x'kien qiegħed jiġri fil-pajjiż. F'dak iż-żmien, fuq l-aġenda tal-pajjiż kien hemm il-ġlieda għall-akkwist ta' l-indipendenza u tas-sovranità ta' Malta u t'Għawdex. Deherli li l-Indipendenza u s-Sovranità ta' pajjiżi kienu ideali biżżejjed biex jimmotivaw liż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien. U jien bħala żagħżugħ ipparteċipajt fil-kampanja favur il-ħelsien politiku ta' pajjiżi.

It-tmexxija tal-pajjiż u l-valuri li fuqhom għandu jitmexxa hija sfida dejjiema u fil-fehma tiegħi tikkostitwixxi motivazzjoni kontinwa li għandha tħajjar liż-żagħżugħ ta' karattru sod u serju jimpenja ruħu u jersaq lejn karriera fil-politika. Għawdex u ħwejġu fil-kuntest nazzjonali u Ewropew għandhom joħolqu motivazzjoni biex iż-żgħażagħ għawdxin jagħmlu l-kuraġġ.

Qed tistaqsini jekk hemmx bżonn ukoll ta' tħejjija. Nista' nwieġeb li t-tħejjija hija dejjem vantaġġ, imma mill-esperjenza tiegħi nista' ngħid li jkollok ta' bilfors titħejja mingħajr telf ta' żmien, għax ikun fl-interess tiegħek stess li titgħallem malajr u tajjeb biex il-kontribut tiegħek ikun wieħed validu u jibda jagħmel effett. Din kienet l-esperjenza li għaddejt minnha jien u li tista' tapplika għal kull min hu jew jista' jkun interessat f'karriera politika.



***Ma naħsibx li nkun nìżbalja jekk ngħid li għal xi żmien inti kont l-uniku membru tal-Parlament 'full time'. Illum hawn diskussjoni f'pajjiżna jekk il-membri parlamentari għandhomx ikunu 'full time' jew 'part time'. Kif taħsibha int dwar din il-kwestjoni?***

Iva. Meta kkontestajt l-elezzjoni kont impjegat tan-National Bank of Malta, illum il-BOV. Kif ġejt elett irċevejt ittra mill-Bank tinformani li l-Membri tal-Bord kienu tal-fehma li x-xogħol tiegħi fil-Bank u l-pożizzjoni tiegħi fil-Parlament kienu inkompatibbli, u għaldaqstant itterminaw l-impieg tiegħi ta' ħdax-il sena bla skrupli u bla ħniena ta' xejn. U hekk sibt ruħi dipendenti unikament mill-onorarja parlamentari li dak iż-żmien kienet waħda miżera tassew. Allura f'dawn iċ-ċirkostanzi sirt parlamentari ddedikat unikament għax-xogħol tal-Parlament u tal-Kostitwenza tiegħi.

Iva, jien esprimejt ruħi kemm-il darba fil-pubbliku li naħseb li wasal iż-żmien li l-MPs tagħna jkunu ddedikati kompletament għax-xogħol parlamentari u tal-kostitwenza tagħhom. Ix-xogħol tal-Parlament żdied immensament, iżjed u iżjed issa li Malta hi membru ta' l-Unjoni Ewropea. Minkejja ċ-ċokon tiegħu, kemm f'dawk li huma riżorsi umani u kemm dawk finanzjarji, xorta waħda l-Parlament Nazzjonali jrid jilħaq u jlaħħaq ma' Parlamenti oħra ferm ikbar minn tagħna.

***Int għandek esperjenza, bħala 'backbencher', bħala Membru fl-Oppożizzjoni, bħala Ministru u bħala President tal-Kamra tad-Deputati. Kif tikkompara dawn il-karigi diversi fl-ispektrum tal-qasam politiku?***

Jien għaddejt mir-rwoli differenti fil-Parlament. Nenfasizza li kull rwol jgħabbik b'responsabbiltà speċifika. Il-maġġmudija parlamentari tiegħi bdejtha bħala *backbencher* fuq in-naħa tal-Gvern, jiġifieri mill-1966 sa l-1971. F'dik il-leġiżlatura, l-ewwel waħda tiegħi, tgħallimt ħafna għax stajt nosserva mill-qrib u minn ġewwa kif jaħdem il-Parlament u kif il-kontribut tiegħek jista' jkun l-iktar effettiv. F'dak il-perjodu għamilt użu kbir u konsistenti permezz ta' domandi parlamentari, jew kif jissejħu "interpellanzi", biex b'hekk irnexxieli niġbor, speċjalment fuq Għawdex, informazzjoni aġġornata fuq l-oqsma kollha tal-ħajja. Wara analiżi tat-tagħrif miġbur u akkwistat, kont nista' mbagħad nagħmel u noħroġ paraguni bejn ir-riżultati f'setturi f'Malta u dawk f'Għawdex. Din l-analiżi kienet twassalni għal ċerti konklużjonijiet u ċioè li l-iżvilupp f'dawn is-setturi kien bħala regola juri li kienu jeżistu diskrepanzi kbar fit-tenur tal-ħajja bejn gżira u oħra. Din l-istatistika, miġbura permezz ta' l-interpellanzi, poġġietni f'pożizzjoni biex niffoka fuq dawn id-diskrepanzi u npoġġihom taħt id-dawl ta' l-opinjoni pubblika. Permezz tal-fatti li jkollok f'idejk tħossok komdu tibni argument politiku qawwi biżżejjed favur il-kawża tal-każ li tkun qed tressaq permezz ta' diskorsi fil-Parlament, ħafna drabi waqt il-ħin ta' l-Aġġornament u waqt id-dibattiti tal-*Budgets*.

Għamilt żmien twil, mill-1971 sa' l-1987, bħala Membru ta' l-Oppożizzjoni, fejn fil-bidu kont inħtart mill-Grupp Parlamentari tagħna bħala *Shadow Minister* tal-Agrikoltura



u Sajd, u wara, meta l-Kunsill Ċiviku t'Għawdex safa abolit, inħtart *Shadow Minister* għall-Affarijiet ta' Għawdex. Din kienet id-deċiżjoni tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista b'risposta għall-eliminazzjoni tal-Kunsill Ċiviku mix-xena politika. Allura fl-inkarigu li sibt ruħi fih stajt nikkonċentra u nintensifika r-riċerki u l-analiżi tiegħi fuq ħwejjeġ li jolqtu lil Għawdex u nkejjilhom ma' ta' Malta bil-għan li jinkixef fejn, u meta, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-gżira tagħna ma jkunx qed ilaħħaq mal-bqija tal-pajjiż. Anzi kien jimmarka li bosta drabi dan l-iżvilupp f'Għawdex kien qed jaqa' lura. Dawn l-eżerċizzji għenu mhux ftit biex setgħu jinbnew u jiġu pprogrammati pjanijiet ta' azzjoni iżjed tard fis-snin.

Meta mbagħad għaddejt għar-rwol ta' Ministru, għalkemm dan kien inkarigu ġdid fjamant għalija, imma sibt il-konfort ta' snin ta' tħejjija li kont għamilt bħala *backbencher* u bħala *Shadow Minister*. Inżid ngħid li sirt Ministru mingħajr infrastruttura ta' Ministeru, peress li Għawdex qatt qabel ma kellu Ministeru għalih, u Ministru tiegħu. Kien iżjed faċli ssir Ministru u ferm iżjed diffiċli tibni Ministeru! Imma bl-għajnuna t'Alla u bl-entużjażmu u enerġija tal-kollaboraturi tiegħi, l-istruttura ministerjali, kemm fiżika u kemm amministrattiva, twaqqfet u bdiet taħdem favur il-kawża t'Għawdex u ta' l-Għawdxin. Kollox kien bidu. L-isfida f'dak il-mument kienet dik li jirnexxielna, f'malajr kemm jista' jkun, indaħħlu l-kultura ġejja mir-realtà li Għawdex u l-Għawdxin bdew igawdu minn status ġdid fil-pajjiż, kif kien minn dejjem jixirqilhom, grazzi għad-deċiżjoni politika li kien ħa fil-1987 il-Gvern ta' Fenech Adami. Jien servejt bħala Ministru għall-Affarijiet ta' Għawdex minn Mejju tas-sena 1987 sa Settembru 1996 mal-bidla tal-Gvern.

Meta ġejt nominat *Speaker* f'Novembru 1998, dħalt f'pożizzjoni oħra fil-Parlament; pożizzjoni differenti u unika. Wara li tkun servejt bħala *backbencher*, Kelliem Ewlieni u Ministru, inkarigi li jitolbu minnek li tesprimi ruħek fil-pubbliku fuq il-materji li jirrigwardjaw l-inkarigi speċifiċi li tkun qed iġġorr, bħala *Speaker* issib ruħek limitat għall-amministrazzjoni u buon ordni tas-seduti parlamentari, 'l bogħod minn kull opinjoni politika partiġġjana. Inħobb ngħid b'ċajta imma fl-istess ħin b'sens ta' realtà, li meta ssir *Speaker* issir prattikament *speechless*

fil-Kamra, ħlief naturalment biex tmexxi x-xogħol ta' fuq l-aġenda tagħha. Nistqarr li fil-bidu dan kien mument diffiċli ħafna għalija, jien li kont ġej minn snin sħaħ ta' kontroversji u kuntrasti politiċi. Imma s-sens ta' bilanċ, ġej mis-sens ta' dover lejn il-Kostituzzjoni u lejn l-Istituzzjoni Parlamentari, jgħinek tissupera l-problemi inizjali u transizzjonali u tidħol fir-responsabbiltà mhux żgħira tat-tmexxija tal-Parlament Nazzjonali.

Din hi l-esperjenza tiegħi fid-diversi karigi fl-ispektrum tal-ħajja politika tiegħi.

*Il-politika, kemm hi passjoni, kemm hi servizz, u kemm hi lotta?*

Il-politika fiha element qawwi ta' passjoni; definittivament hi servizz, hija lotta kontinwa minn ġewwa u minn barra; u ppermettili nżid, anzi nistqarr, li hija fuq kollox vokazzjoni b'missjoni.

*X'kienu l-isfidi l-kbar li kellu Għawdex f'dawn l-aħħar erbgħin sena?*

Għawdex minn dejjem kellu sfidi addizzjonali u jibqa' jkollu minħabba n-natura tiegħu. Fl-imgħoddi l-baħar li jifirdu minn Malta kien kontinwament jaħdem kontra l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. L-isfida prinċipali ta' l-aħħar numru ta' snin kienet tikkonsisti f'eżerċizzju sħiħ biex tegħleb lill-baħar li jifred u tagħmlu baħar li jgħaqqad gżira m'oħra. U hekk ġara bl-introduzzjoni tas-servizz kontinwu billejl u binhar, xitwa u sajf. Naturalment dejjem jibqa' x'tagħmel iżjed u aħjar, imma l-komunikazzjonijiet bejn Għawdex u Malta u lura, jibqgħu ċ-ċavetta tad-destin tal-gżira tagħna. Għalhekk ukoll jeħtieġ li s-servizz ta' l-ajru jirritorna bla iżjed dewmien, kif ukoll servizz veloċi bil-baħar kif ġa kien hemm.

Iżda Għawdex u miegħu Kemmuna, jippreżentaw sfida fl-amministrazzjoni. U ċioè kif għandha tkun l-aħjar forma ta' tmexxija għalihom. Kien għalhekk li twaqqaf il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fil-1961. Għalhekk ukoll twaqqaf il-Ministeru għall-Affarijiet ta' Għawdex fil-1987. Biex Għawdex ikollu amministrazzjoni unika għalih li tagħtih ċerta awtonomija u saħħa eżekuttiva. Fil-fehma tiegħi, it-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku u iżjed tard il-Ministeru huwa rikonoxximent u apprezzament tar-reġjonalità ta' gżira fl-Arċipelagu Malti u per konsegwenza n-neċessità ta' applikazzjoni ta' politika reġjonali fi ħwejjeġ Għawdxin.

L-esperjenza għallmitni wkoll li Għawdex għandu sfida oħra x'jikkumbatti, u ċioè li ma jafx jingħaqad fil-ġlidiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali tiegħu u għalhekk jippreżenta ruħu vulnerabbli u dgħajjef quddiem il-gambetti tal-ħajja.



*X'inhuma l-bidliet l-aktar importanti li seħħew f'Għawdex f'dawn l-erbgħin sena?*

Saret bidla kbira fil-mentalità. Riżultat ta' bidliet li saru fis-soċjetà. Dawn il-bidliet ġejjin mill-effetti li ħallew il-kuntatti ta' kuljum li Għawdex (u allura l-Għawdxin) għandhom mal-mezzi ta' komunikazzjoni, man-nies tal-lokal miż-żewġ gżejjer u forsi l-iktar mill-kuntatt mal-barranin. Għawdex sar ukoll jagħmel parti mid-dinja globalizzata u l-Għawdxin għandhom illum il-fakultà u l-faċilità jimirħu f'dan l-hekk imsejjaħ villaġġ komuni li ċekken id-distanzi tad-dinja għal dimensjoni ta' raħal. Li wieħed ibiddel il-mentalità ma jfissirx li neċessarjament isegwi li jbiddel ukoll il-valuri li emmen u jemmen fihom. Anzi, is-sabiħ hu li titgħallem, tiġġedded u tikber (fl-età) u f'dawk li huma valuri tibqa' fejn kont.

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

KOTBA

Minn Għawdex

# "RIBALTA"

## Drammi għall-Palk tal-Kan. Joe Mejlak miġbura fi 3 Volumi Kbar (A4 size)




Matul dawn l-aħħar sentejn il-Letteratura Maltija kompliet tistagħna bil-pubblikazzjoni ta' tliet kotba tal-poeżiji li ħarġu mill-*Muża* u mill-*Fantasija* tal-Poeta Għawdxi, il-Kanonku Joe Mejlak li ma jaħbat ħadd għajr in-neputi tal-Poetessa Għawdxija Mary Meylak.

Issa l-Kan. Mejlak iddeċieda li jistampa u jiġbor id-drammi tiegħu u ma jħallihomx iktar f'manuskritti mferrxa u jiġru fuq l-ixkafef ta' daru. Tista' tgħid li dawn inħadmu kollha, f'ħin jew ieħor, fuq il-palk għawdxi kif ukoll x'uħud minnhom fuq ir-radju u qabel minn fuq ir *rediffusion*. Matul il-medda twila ta' erbgħin sena, dan is-saċerdot kiteb mhux anqas minn ħamsa u għoxrin dramm. Ma kitibhomx biex jgħaddi ż-żmien iżda dejjem bil-għan li jwassal messaġġ u jgħallem lill-qarrejja, semmiegħa u udjenzi li kienu jimlew it-tejatru jew sala parrokkjali, u għalhekk illum li jinsabu mitbugħa fi tliet volumi, żgur li sa jiswew ta' għodda siewja f'idejn l-għalliema, il-katekisti u dawk l-għaqdiet li jkunu jridu minn żmiem għal żmien, jagħmlu xi *play-forum* jew kif diġà għidna, xi *radio-play.*

Kull min jaqra lil dan l-awtur jaf li d-djalogi tiegħu huma dejjem ħajjin, miktubin b'Malti mexxej u li jiftiehem malajr, bla tbatija, u li bosta drabi ma tonqosx ukoll dik it-tbissima li trid tikser is-serjetà jew il-melodrama li tkun qed tinbena man-nisġa tad-dramm.

Milli nista' nifhem, billi din l-inizjattiva swietlu kemxa mhux ħażin lil dan id-drammaturgu (għalkemm daħlu għalih diversi *sponsors* li jidhru fl-aħħar paġna tal-pubblikazzjoni), l-awtur iddeċieda li jistampa biss mitt sett w għaldaqstant, qed tintuża s-sistema *first come - first served* għal min irid jikseb dan ix-xogħol reċenti tal-Kanonku. Ma tagħtihx tort la darba r-*reading public* f'pajjiżna hu wieħed li mhux dejjem jagħmillek kuraġġ.

Jibqa' l-fatt li l-*BCD Printers* tal-Belt Victoria għamlu biċċa xogħol tajba ħafna meta stampaw dawn ix-xogħlijiet mperrċa fuq tliet volumi, b'karta tassew fina u b'tipa ċara għall-aħħar li ma ddejqekx, lanqas jekk tiddeċiedi li taqbad u taqra dramm sħiħ.

Jalla aktar kittieba, kif qalet tant tajjeb il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, waqt serata mużiko-letterarja li ttellgħet fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex meta ġew illanċjati dawn id-drammi, jitħajru jimxu fuq il-passi tal-Kan. Joe Mejlak u jidħlu għal dan il-piż, li jistampaw ix-xogħlijiet tagħhom u ma jħalluhomx magħluqa bejn l-erba' ħitan ta' l-istudju tagħhom biex il-pubbliku jkollu x'jaqra u fiex jedha. B'hekk ukoll, il-letteratura ta' lsienna tkompli tikber u tistagħna!

**Kav. Joe M. Attard**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

## DAWL GĦALL-ĦAJJA

# IL-PAĊI FIK... U MADWAR

## 1 IL-PAĊI TIBDA FINA

**• Il-Papa Ġwanni Pawlu II**

Jekk il-bniedem mhux paċi ma' Alla, lanqas id-dinja ma' tista' tkun fil-paċi.

*Mill-ktieb "John Paul II, His Essential Wisdom". Ediz. Barnes and Noble, New York*

**• L-Arċisqof Fulton J. Sheen**

Ma jistax ikun hemm paċi fid-dinja, jekk ma jkunx hemm paċi fir-ruħ. (*There can be no world peace unless there is soul-peace*)

*Mill-ktieb "God Loves you". Fulton J. Sheen. Ediz. Image Books.*



**• Il-Kardinal Dionigi Tettamanzi, Arċisqof ta' Milan**

Il-paċi fid-dinja, qabel xejn, trid titnissel fil-qalb ta' kull bniedem.

*"Famiglia Christiana", n.8/2003*

**• Il-Papa Benedittu XVI**

"Il-paċi fid-dinja ma tistax tinstab, mingħajr

- paċi ma' Alla
- armonija bejn is-Sema u l-art".

*Messaġġ lill-Kurja Rumana, 22 ta' Diċembru 2006*

**Nota:**

***Ħafna mir-riflessjonijiet ta' kull xahar ta' A.C.M. matul din is-sena, ser ikunu mibnija u marbuta mas-suġġetti magħżula mis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) kif proposti fuq il-Kalendarju sabiħ tagħhom għas-sena 2007, b'tifkira ta' għeluq il-100 sena mit-twaqqif ta' l-istess Soċjetà. B'radd il-ħajr lil Alla, lill-Beatu Ġorġ Preca l-fundatur, u lid-diriġenti attwali, għat-tagħlim ta' kulħadd. Ritratt prinċipali b'muntaġġ ta' Neville Galea Pirotta, sentenzi u talbiet tal-Beatu Ġorġ Preca.***

*© Soċjeta' tal-MUSEUM, Dar Ġenerali, Blata l-Bajda.*

**Id-Direzzjoni**

## 2 IL-PAĊI FIL-FAMILJA

**• Talba Antika u dejjem attwali**

- Paċi bejn il-ġirien
- Paċi bejn niesek
- Paċi bejn il-maħbubin
- Paċi bejn persuna u oħra
- Paċi bejn il-mara u r-raġel
- Paċi bejn l-omm u wliedha
- Il-Paċi ta' Kristu, qabel kull paċi oħra.

(*Scots Gaelic Blessing*)

**• Il-Papa Ġwanni Pawlu II**

Il-Virtujiet tad-Dar, mibnija fuq rispett profond bejn il-ħajja umana u lejn id-dinjità tal-bniedem u pprattikata

- fil-ftehim
- fis-sabar
- f'inkuraġġiment reċiproku
- u fil-maħfra

jgħinu lill-komunità tal-familja biex tkun L-EWWEL U L-AQWA ESPERJENZA TAL-PAĊI.

*Messaġġ tal-Jum Mondjali tal-Paċi, 1994*

**• Il-Papa Ġwanni Pawlu II**

"Fil-familja, l-ulied jitgħallmu li Alla jrid il-paċi u l-ftehim bejn il-bnedmin kollha li huma msejħin biex ikunu familja waħda."

*Jum Mondjali tal-Paċi, 1996*



*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# EK... XEWQA DEJJIEMA?!



## 3 IL-PAĊI FID-DINJA



**• Il-Papa Ġwanni Pawlu II**

"IL-PAĊI BISS HIJA T-TRIQ LI GĦANDNA NAQBDU biex nibnu soċjetà aktar ġusta u magħquda. IL-VJOLENZA U L-ARMI qatt ma jistgħu jsolvu l-problemi bejn il-bnedmin."

*22 ta' Marzu 2003*

**• Il-Papa Benedittu XVI**

"IL-PAĊI hija RIGAL U IMPENN.

i) **RIGAL** li għandna nilqgħuh u nitolbuh b'fiduċja kbira lil Alla.

ii) **IMPENN** b'tali mod li kull bniedem ta' rieda tajba jkun strument ta' paċi ma' l-oħrajn."

*Quddiesa ta' Jum il-Paċi - 1 ta' Jannar 2007 fil-Bażilika ta' San Pietru.*

**• Madre Tereża**

Ma għandniex bżonn kanuni u bombi biex inġibu il-paċi.
Għandna bżonn ta' mħabba u mogħdrija.
Ejjew nferrxu l-paċi t'Alla u hekk

- nixegħlu d-DAWL TIEGĦU
- u nitfu kull mibegħda fid-dinja u fil-qlub tal-bnedmin kollha.

*"A guide to daily living, The Joy of Loving Mother, Theresa" Penguin Arkana Books, New York, 1996.*

## IVA GĦALL-PAĊI... XI TFISSER?

Tfisser:

i) IVA għall-erba' pilastri msemmija mill-Papa Ġwanni XXXIII, li fuqhom tinbena l-Paċi, jiġifieri:

**IVA GĦALL-VERITÀ**
**IVA GĦALL-ĠUSTIZZJA**
**IVA GĦALL-IMĦABBA**
**IVA GĦAL-LIBERTÀ**

Tfisser:

i) **LE** għall-inġustizzja li tiddisprezza d-drittijiet fundamentali tal-bniedem

ii) **LE** għar-Reġimi u għad-Dittaturi

iii) **LE** għat-Terroriżmu internazzjonali li hu delitt kontra l-umanità

iv) **LE** għall-iżbilanċ fl-iżvilupp soċjali bejn pajjiżi foqra u pajjiżi għonja.

*Kard. Dionigi Tettamanzi: artiklu fil-FAMIGLIA CRISTIANA, n.8/2003*



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (51)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

(IS-SITTAX-IL PARTI)

## IL-BARKA SAGRAMENTALI, IL-PURĊISSJONIJIET, U L-KUNGRESSI EWKARISTIĊI

### Il-Benedizzjoni Ewkaristika

Il-Benedizzjoni hija wieħed mis-sagramentali tal-Knisja. Is-saċerdot, bl-ostja kkonsagrata, jagħmel fuqna s-sinjal tas-salib, u dan ir-rit bis-saħħa tat-talb tal-insara, għandu l-qawwa li jqanqal fi qlubna, atti ta' mħabba u ta' ndiema, u b'hekk jinħafrulna d-dnubiet venjali. Id-drawwa tal-Benedizzjoni Ewkaristika bdiet madwar is-seklu sittax, u kienet tingħata wara li l-ostja tkun esposta għall-adorazzjoni. Din il-barka bis-Santissmu Sagrament, tista' ssir taħt forma sollenni, meta l-Ostja Mqaddsa tkun fl-ostensorju jew sfera. Is-saċerdot li jagħmel din il-funzjoni, jkun liebes ukoll il-kappa, u jiġi użat l-inċens. Wara ħin xieraq ta' adorazzjoni, jitkanta t-"*Tantum Ergo*" jew xi innu ewkaristiku ieħor imbagħad is-saċerdot, jilbes il-velu fuq spallejh, u b'idejh mgħottija bil-velu, iżomm l-ostensorju fil-għoli, u bih jagħmel is-sinjal tas-salib fuq il-kongregazzjoni. Wara li tingħata l-barka, is-saċerdot flimkien mal-poplu jirreċita l-invokazzjonijiet "Ikun Imbierek Alla." Fi tmiem il-funzjoni, is-saċerdot iqiegħed mill-ġdid l-Ostja fit-tabernaklu, jew inkella jpoġġi l-ostensorju b'kollox fil-ġirandla.

Hemm forma inqas sollenni ta' benedizzjoni sagramentali, meta din tingħata bil-pissidi, li fih ikun hemm l-ostji kkonsagrati. Is-saċerdot li jagħti l-barka, ikun liebes l-istola fuq l-alba jew spellizza. L-użu tal-kappa u ta' l-inċens, f'din il-funzjoni mhux obbligatorju.



Il-benedizzjoni ewkaristika tagħti glorja lil Ġesù, b'atti ta' fidi fil-preżenza tiegħu, li jagħmlu dawk li jirċevuha kif ukoll b'atti ta' mħabba u ta' rikonoxxenza għall-opra tal-fidwa li wettaq għalina u għall-imħabba infinità tiegħu lejna, meta ħallielna l-Ewkaristija. Il-barka sagramentali hija wkoll att ta' tpattija għall-offiżi li jirċievi Kristu, fis-sagrament ta' mħabbtu u għall-indifferenza tal-insara versu lejh.

### Il-Purċissjonijiet Ewkaristiċi

Fil-purċissjonijiet ewkaristiċi, is-Santissmu Sagrament, jinħareġ barra mill-knisja, u jiġi mdawwar mat-triqat, fost it-talb u l-kant tal-kleru u l-poplu. Dan isir bħala att ta' ringrazzjament għat-tagħlim li ta u l-mirakli li għamel Ġesù, meta kien jimxi fit-triqat tal-Palestina mdawwar bil-folla tan-nies, dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem ... u jfejjaq kull xorta ta' mard (*Mt.*9,35).

Bħalma kien jagħmel matul ħajtu "għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq" (*Atti*.10,38), hekk ukoll meta jgħaddi minn quddiem id-djar tagħna, nitolbu lil Ġesù li jbierek u jqaddes il-familji li jgħixu fihom.

Kif jgħidilna San Franġisk ta' Sales, il-purċissjoni ewkaristika fit-toroq tagħna ssir sabiex nagħmlu riparazzjoni lil Kristu, għaż-żeblieħ li ġarrab fit-toroq ta' Ġerusalemm, meta mexxewh minn qorti għall-ieħor u fl-aħħar wassluh sal-quċċata tal-Kalvarju. Il-Knisja b'dan l-att ta' qima lill-Ewkaristija, trid tirripara anki għal tant offiżi li jsiru mill-insara bin-nuqqas ta' rispett lejn Kristu, u bis-sagrileġġi li jagħmlu.

Fl-Istruzzjoni "*Redemptionis Sacramentum*" tal-25 ta' Marzu 2004 (n.143) jingħad li "fejn huwa possibbli għandu jkun hemm, bħala espressjoni u xhieda ta' qima pubblika



lejn l-Ewkaristija Mqaddsa, u speċjalment fis-sollennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, purċissjoni li tgħaddi mit-toroq pubbliċi, għaliex il-parteċipazzjoni devota tal-fidili fil-purċissjoni ewkaristika, fis-sollennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu hija grazzja tal-Mulej, li ta kull sena timla bil-ferħ lil dawk kollha li jieħdu sehem fiha."

Difatti l-att li jagħti sollennità speċjali, lill-festa tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, hija propju l-purċissjoni ewkaristika li fiha jingarr sollennement Ġesù Ewkaristija, fl-Ostja kkonsagrata, merfugħa fl-ostensorju.

Skond it-twissija li hemm fl-istruzzjoni msemmija (n.144) "jeħtieġ li ma tintilifx it-tradizzjoni li jsiru l-purċissjonijiet ewkaristiċi." Barra minn dik ta' nhar is-sollennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, jistgħu jsiru purċissjonijiet ewkaristiċi oħra, skond kif jistabbilixxi l-isqof djoċesan.

Il-purċissjoni ewkaristika, madwar it-toroq tal-belt jew raħal, tgħin lill-fidili, sabiex iħossuhom poplu ta' Alla li mexjin mal-Mulej, fil-waqt li jxandru l-fidi f'Alla magħna u fina (*Anno dell' Eucaristia*, n. 18).

## *Il-Kungressi Ewkaristiċi*

L-Istruzzjoni "*Redemptionis Sacramentum*" (n.145) tfaħħar dawn l-inizjattivi u tgħidilna: "Għandha tiġi kkunsidrata bħal attività ta' valur kbir il-ħtieġa pastorali tal-kungressi ewkaristiċi, li għandhom ikunu sinjal veru ta' fidi u ta' karità."

Id-dokument tal-Kongregazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Mejju 1967, "*Eucharisticum Mystrerium*" (n.67) jgħidilna: "Fil-Kungressi Ewkaristiċi, l-insara jagħmlu ħilithom biex jinżlu iktar fil-fond f'dan il-misteru, permezz tar-riflessjoni fuq il-ħafna aspetti tiegħu. Iżda huma għandhom joqogħdu għan-normi tal-Konċilju Vatikan II u għandhom jivveneraw l-Ewkaristija bid-devozzjonijiet u talb privat, u b'mod speċjali bi purċissjonijiet sollenni, hekk li dawn l-għamliet kollha ta' devozzjoni jilħqu l-quċċata tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni solenni tal-quddiesa."

Kif insibu fid-dokument "*Anno dell' Eucaristia*" (n.19) il-komunità li torganizza l-Kungress Ewkaristiku "tistieden lill-Knisja universali jew il-Knisja Lokali, jew il-Knejjes ta' l-istess reġjun u tal-istess nazzjon jew inkella tad-dinja kollha, sabiex flimkien jinżlu fil-fond tal-aspetti tal-Misteru Ewkaristiku u jagħtuh l-omaġġ ta' qima pubblika, fir-rabta tal-karità u ta' l-unità."

Il-Kungressi Ewkaristiċi jistgħu jkunu djoċesani, nazzjonali jew internazzjonali. Dawn ta' l-aħħar bdew b'inizjattiva ta' Mme Emilie Marie Tamisier (1834-1910), li kellha l-għajnuna ta' San Pierre Eymard, u ġiet approvata mill-Papa Ljun XIII. L-ewwel Kungress Ewkaristiku Internazzjonali nżamm fil-belt ta' Lille ġo Franza, mit-28 sat-30 ta' Ġunju 1881.

Jekk titwettaq kif imiss, kull għamla ta' qima lejn l-Ewkaristija - is-sehem fis-sagrifiċċju tal-quddiesa, it-Tqarbin, l-adorazzjoni ta' l-Ostja Mqaddsa, fit-tul jew għal ftit ħin, bħal ma hija ż-żjara lil Ġesù Sagramentat - kollox għandu jwassal sabiex nagħrfu dejjem aħjar l-imħabba ta' Kristu lejna u nitħeġġu ħalli nħobbuh dejjem iktar.

"L-Ewkaristija hija l-għajn u l-quċċata tal-ħajja nisranija kollha" jgħallimna l-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni "*Lumen Gentium*"(n.11). Fl-Ewkaristija jinsab il-għana spiritwali kollu li għandha l-Knisja, jiġifieri Kristu nnifsu, l-Għid tagħna. Hija ċ-ċentru u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja. Fl-Ewkaristija, Kristu jsieħeb miegħu l-membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu fis-sagrifiċċju tal-fidwa li Huwa biċ-ċarcir ta' demmu, offra darba għal dejjem fuq is-salib. F'dan is-sagrament mqaddes, Kristu jmantni lil dawk li jemmnu fih, bil-Ġisem u d-Demm tiegħu. Fl-Ewkaristija Ġesù jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żminijiet, biex jimliena bil-grazzja tiegħu u jkun għalina rahan tal-ħajja ta' dejjem. Jalla ngħożżu dejjem iktar dan it-teżor hekk prezzjuż.

**- Tmiem -**



**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

# TFAJLA, X'INHUWA ALLA?

Fil-ħin li fih jidlam il-firmament
nemnim jibda jtalla'
f'tikek deħbiena, ma' frak ta' arġent.
Nara u nistaqsi:"Għidli, o kull xintilla,
għiduli x'inhuwa Alla?"
"Ordni", jwieġbu annuna stilla u stilla.

Meta f'April il-wied, l-għolja, l-bur,
Ġnub ta' xmara ttalla'
f'kull għalqa festa ta' wardiet tfur,
nara u nistaqsi: "Għiduli kuluri,
għiduli x'inhuwa Alla?"
"Sbuħija", jwieġbu annuna l-fjuri.

Meta quddiem ħarstek, sfiq jibbrilla,
f'kisra rżina mtalla'
nistaqsi d-Dawl li għandek fil-pupilla,
"Għidli, jekk taf, messaġġier le mtabba',
għidli x'inhuwa Alla?"
u l-pupilla twieġeb fis: "Imħabba".

**Aleardo Aleardi**
*(maqluba għall-Malti mit-Taljan minn **Michael Grech**)*

# DISKORS ĦDEJN IR-RUMMIENA

Pitirross fuq ir-rummiena,
Ngħożżu l-ħemda int u jiena;
Schubert żgħir, għalik ngħir,
Kif il-muża tiġik qisha
Issa, issa, isa, isa.

Pitirross qalb ir-rummien,
Ilsien nar f'ilsna nirien
Għall-frott sar fl-aħħar xahar...
Inti l-għanja 'ttini qisha
Hi rħisa, 'mma qaddisa.

Pitirross fuq ir-rummiena,
Ngħid is-sew iġġibli ħniena
Għax nisthajlek
Li qed tgħanni, bla tintebaħ,
Eleġija
Għar-rummiena
Li dix-xitwa jagħlaq żmienha...
Qed joqorbu lejha, lejha,
Biex jitfulha dwal għajnejha,
Juru l-karti tal-permess
Dawk il-bùlis tal-progress.

Int erġa' ejja s-snin li ġejja,
U erġa' għanni eleġija
Biex xi darba tkun għalija...

**J.W.Psaila**

# TEŻOR IN-NANNIET

Kont ser ngħaġġel għal ġol-parking,
bla kas nagħti tal-ġgajtiet,
illi wiċċek taħbat magħhom
fil-belt t'Għawdex dal-ħabtiet.

Meta nisma' leħen nafu,
isejjaħli bi tbissima,
hekk kif fommna għalenija,
f'bonġu lissen it-tislima.

Kien sieħbi fl-Iskola Għolja,
xogħolna għalliema t-tnejn kien,
illum nannu jdur b'neputi,
mhux biex jgħaddi, jaħli ż-żmien!

Għax hekk titlob minna l-ħajja,
qisu sar dmir tan-nanniet,
waqt li l-omm u l-missier jaħdmu,
Xjuħ irawmu ulied 'l-ulied.

Ħmiemel sabar, gzuz paċenzja,
illi ntilfu ma' uliedna,
arahom bil-galbu jinbtu,
jixxebilku twal bħal-liedna.

Waqt li ħsiebna mqass taż-żabra,
'l-ilsienna fin, fin jirmonda,
biex li nqasna ma' uliedna
nibnuh f'dawn, b'ħajt tas-sekonda.

Sa ma jikbru u narawhom
irġiel, nisa msawrin,
b'tan-nanniet sabar u għaqal
fil-karattru mnaqqxin.

**Francis Sultana**

Arkivju Nazzjonali Għawdex

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 150

Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2007

# "Giostatore" Ġdid Fjamant

*Għas-sittax-il sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta' "Il Ħajja f'Għawdex" ir rubrika dwar Għawdex fil-qedem. Tul l-ewwel tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, mid-disa' sena bdejna nġibu dokumenti ta' 300 sena ilu, għax ta' 400 sena ilu huma nieqsa. Sejrin inkomplu b'ta' 300 sena ilu. Id-dokumenti, bħas-snin ta'qabel, huma meħudin mill-"Acta" ta' l-Universitas, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Hu ttamat li 'l quddiem dawn il-paġni jiġu stampati fi ktieb.*

Id-dokument numru mija u ħamsin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu wieħed rari u qatt ma ltqajna ma' xi ħaġa tixbħu qabel. Għandu x'jaqsam ma' ħlas li sar għal libsa speċjali msejħa *giostatore*. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1706–1707), folju 29r (NAG, UG, *Acta,* 9/1706–1707, f. 29r).

Din hi traskrizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni għall-ħlas.

**Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo trattenerete l'infrascritta somma, che d'ordine nostro con participazione dell'Illustrissimo Signor Siniscalco, habbiate speso per un giostatore et altre robbe, rispetto alla persona di Vittorio Grech servitore di detta Università novamente fatti come siegue:**

- **Per canni tre saia imperiale, a Scudi due la canna**
- **Per seta bologniesa onze 7, a Tarì 5 l'onze**
- **Per sargallo fab. 2**
- **Per canni 4 tela di Francisa a Tarì 9 la canna**
- **Per onze due seta per costura**
- **Per zagarella verde longa *palmi* 6**
- **Per bottoni e fattura del galune**
- **Per manifatura del giostatore**
- **Per una corsatta nuova**
- **Per un paio di colrette e loro tintura**
- **Per un paio di scarpe nuovo**
- **Per un cappello nuovo**

Il-kelma *giostatore* hi ġejja minn ġostra, bl-Ingliż, *joust*, tornew komuni ħafna fi żminijiet medjevali u wara. Fit-tornew, żewġ kavallieri fuq iż-żwiemel lebsin b'armatura kompleta kienu jikkumbattu ma' xulxin bil-lanez. Kien jirbaħ min jirnexxielu jwaqqa' lill-ieħor min fuq iż-żiemel. Il-kavallier li jikkumbatti hu msejjaħ *giostatore*, kelma li Ġużè Aquilina fid-*Dizzjunarju* tiegħu jaqlibha *ġostirjier*.

Hu fatt interessanti ħafna li dan id-dokument juża l-kelma *giostatore* b'żewġ sensi differeni. L-ewwelnett, fil-bidu tad-dokument, hi użata fis-sens ta' *ġostirjier*. It-teżorier ta' l-Universitas qiegħed jiġi awtorizzat biex iħallas lil Vittorio Grech għall-ħlasijiet li hu kien għamel b'relazzjoni ma' *ġostirjier*.

Iktar 'l isfel, dan id-dokument juża l-kelma *giostatore* fis-sens b'riferenza mhux għall-*ġostirjier* iżda għall-armatura li kien jilbes. Il-kelma fis-sens mogħtija minn dan id-dokument hi rari ħafna. Għax la sibt ekwivalenti tagħha bil-Malti fil-*Miklem* ta' Erin Serracino-Inglott u lanqas fid-*Dizzjunarju* ta' Ġużè Aquilina. Jidher li dan is-sens hu rari anki fit-Taljan.

L-Universitas ta' Għawdex – tliet mit sena ilu – kienet ordnat *giostatore* jew armatura ġdida fjamanta. Għal dan il-għan inxtraw ħafna drappijiet differenti. Il-qisien huma mogħtija bil-*palme*, bil-*canni*, u bl-*onze*. *Palma* jew xiber jiġi 26.19 centimetri; *canna* jew qasba fiha tmint ixbar u tiġi 2.095 metri; *onze* jew uqija ta' Malta tiġi 26.46 grammi.



Din li ġejja hi l-lista ta' dak li nxtara:

- tliet qasbiet *saia* imperjali, drapp tas-suf, sottili, u ħafif biż-żewġ skuti l-kanna; sitt skuti.
- sebgħa uqijiet *seta* jew ħarir Bolonjiż b'ħames irbgħajja l-uqija; erba' skuti, ħdax-il irbiegħi, u ħames ħabbiet.
- drapp għas-*sargallo*, il-qalziet kulurit tal-ġostirjier; tliet irbgħajja.
- erba' qasbiet *tela* jew għażel ta' Franza bid-disa' irbgħajja l-kanna, tliet skuti.
- żewġ uqijiet *seta* jew ħarir għall-inforra; disa' irbgħajja.
- sitt qasbiet żigarella ħadra; irbiegħi u għaxar ħabbiet.
- *Bottuni* jew bottuni u xogħol fuq il-*galune* jew galluni; għaxart irbgħajja.
- Xogħol ta' ħjata tal- *giostatore* tela' tliet skuti.
- *Corsatta,* speċi ta' korazza, ġdida fjamanta; ħamest irbgħajja.
- Par *colrette* jew speċi ta' kalzetti twal li ngħataw il-kulur; ħamest irbgħajja u għaxar ħabbiet.
- Par żarbun ġdid; skut.
- kappell ġdid ukoll; skut u sitt irbgħajja.

L-ispiża telgħet b'kollox is-somma kbira ħafna għal dak iż-żmien ta' 22 skut, 3 irbgħajja, u 5 ħabbiet. Tgħid għaliex sar dan il-*giostatore*? Id-dokument igħid li sar bil-permess tas-Siniskalk. Mhux impossibli li sar biex jingħatalu b'rigal. Is-Siniskalk, kif ktibna drabi oħra, kien il-kavallier li kellu r-responsabilta tad-diviża, speċi l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Kavallieri f'Malta. Min jaf kienx għamel xi pjaċir lill-Għawdxin?!

Dan il-*giostatore* juri li l-Kavallieri minn żmien għal żmien kienu jorganiżżaw xi ġostra bejniethom.

**FOLKLOR GĦAWDXI**

*Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...*




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Wieħed u Ħamsin Parti )*

*(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *KIF ISSIR L-IRKOTTA*

**Irkotta mix-xorrox biss**

Itfa' x-xorrox tal-ġobon tan-nar f'kaldarun, saħħan sakemm kważi jibda jagħli fil-waqt li ddawwar bl-istikka sakemm *jaqta'*, jiġifieri jagħqad boċoċ boċoċ u jitla' fil-wiċċ (jibda tiela'). Mela x-xorrox ikun issajjar darbtejn, darba meta sar il-ġobon tan-nar u darba biex issir l-irkotta (*ricotta* = imsajra darbtejn). Wara, imla jew erfa' b'kuċċarun fil-qwieleb tal-ġummar magħmula apposta.

Aktarx li biex iħaffu x-xogħol ġie li max-xorrox kienu jżidu l-ħalib, jiġifieri 'jgħinuha bil-ħalib', imbagħad jerġgħu jagħtuh in-nar *(Nota: F'dan il-każ ma kinux jitfgħu ilma baħar)*. Ix-xorrox ta' l-irkotta kienu jarmuh.

**Irkotta mill-ħalib**

L-irkotta tista' ssir ukoll direttament mill-ħalib. Għalhekkk, mod ieħor kif issir l-irkotta hu dan: Itfa' l-ħalib (60 gallun) fil-kaldarun u żid miegħu 4 galluni (2 bramel) ilma baħar. Wara, issaħħnu kważi se jagħli u tħawwad bl-istikka sa ma *jaqta'* u jibda tiela' (jiġifieri x-xorrox jinżel fil-qiegħ). Hekk il-ħalib jagħqad boċoċ boċoċ u jsir irkotta. Wara dan, l-irkotta tintrefa' bil-kuċċarun u titqassam fil-qwieleb. Ix-xorrox jintrema għax ma jistax jerġa' jinħadem.

Leli Farrugia, tal-Kumpar, kien jaħdem madwar 800 gallun ħalib kull jum.

L-irkotta kienet tiġi qabel il-ġobon tan-nar għax issir malajr u tista' tbigħha dak il-ħin (toħroġ mill-ewwel), fil-waqt li l-ġobon tan-nar trid tistenna sitt xhur biex isir. Dawk li jagħmlu l-ġobon tan-nar kienu jagħmlu wkoll l-irkotta, iżda x'uħud kienu jagħmlu ġobon biss (per eżempju, iż-Żebbuġi, Ta' Sannat). Fil-waqt li l-irkotta toħroġ mill-ewwel, il-ġobon kien jista' jimmoffa u jnawwar u jinten, u għalhekk ma jibqax tajjeb. Allura kien imur biex jistadu bih bħala ġobon jinten. Għaldaqstant, il-ġobon kienu jagħmluh meta jkunu marsusin, ma jkollhomx bejgħ wisq ta' l-irkotta, u jkunu jridu jeħilsu u jiddisponu mill-ħalib. Il-ġarr kien isir b'karrettun u dan l-aħħar bil-vann.

*(Tagħrif miġbur mingħand Leli Farrugia tal-Kumpar mir-Rabat, Għawdex f'intervista li saret nhar il-10 ta' Settembru, 1987).*

## SUPERSTIZZJONIJIET TAL-BDIEWA

**Is-sajjetti u tifqigħ tal-bombi**

Waħda mis-superstizzjonijiet tal-bdiewa tagħna kienet dik li s-sajjetti u tifqigħ tal-bombi jaffettwa t-tnissil tal-flieles fil-bajd ta' taħt il-qroqqa. Imma din kienet biss superstizzjoni, jiġifieri twemmin fieragħ u falz għal kollox għax minn esperimenti li saru minn min jifhem il-ħsejjes qawwija tas-sajjetti jew ta' xi sparatura m'għandhom ebda effett fuq it-tnissil ta' flieles.

Kieku dan kien minnu, kieku ħafna bajd ta' tajr li jgħix u jfaqqas il-bajd tiegħu fis-selvaġġ, kien imut. Fil-fatt dan ma jiġrix fin-natura, u għalhekk lanqas ma jiġri lill-bajd ta' taħt il-qroqqa jew ta' l-inkubatur.

B'dana kollu, jista' jagħti l-fatt li ħsejjes qawwija ta' sajjetti, bombi jew kawżi oħra jaffettwaw lill-qroqqa li tkun għadha ma rzittatx sewwa fuq it-tagħqida.

F'Għawdex dari kien hawn ukoll is-superstizzjoni li f'każ ta' sajjetti jew ta' tifqigħ ta' bombi fil-qrib, biex il-bajd tat-tagħqida ma joħroġx udigħ jew ma jmutx, kienu jqiegħdu muftieħ mat-taqgħida u hekk kienu jaħsbu li l-bajd ma jiġrilu xejn u l-flieles jofsqu normali.

B'dana kollu wieħed ma jistax jeskludi għal kollox il-fatt li veru tista' ssir ħsara kbira jew jintilfu l-flieles meta t-tifqigħa tal-bomba (mhux tas-sajjetta) tkun fil-qrib ħafna.

**Is-Serduk mat-Tiġieġ**

Kultant issib lil xi ħadd li jħarref li t-tiġieġ ibidu iżjed jekk ikollhom is-serduk magħhom, jew inkella li jbidu inqas jekk ma' serduk wieħed ikun hemm ħafna tiġieġ. Dan m'hu veru

xejn. Is-serduk ma jagħmel ebda differenza fil-għadd tal-bajd li jbidu t-tiġieġ. Id-differenza tkun biss li tiġieġ bla serduk ma jagħmlu ebda bajd ingallat, jiġifieri ffertilizzat, u, għalhekk, il-bajd ta' tiġieġ bla serduk m'hux tajjeb għal taħt il-qroqqa għax ma jfaqqasx u joħroġ udigħ.

Għalhekk, dari mat-tiġieġ fil-btieħi u fl-imnadar tal-bdiewa tagħna dejjem kien ikun hemm is-serduk biex inisslu l-flieles minnu.

**It-Tiġieġ Iqaqu**

Dari kienu jemmnu li tiġieġa tibda tqaqi l-ħin kollu għax tkun ħa tbid.

**Tiġieġ li jtiru għand il-ġirien**

Dari t-tiġieġ kienu jitrabbew fl-imnadar u fil-btieħi. Għalhekk kien jiġri, xi drabi, li xi tiġieġa tidra ttir għal għand il-ġirien. Biex ma jiġrix dan kienu jqasqsulhom il-ġewnaħ in-naħa ta' wara ħalli t-tiġieġa titlef il-bilanċ u ma titħajjarx ittir.

Iżda mbagħad xi nies kienu jemmnu li jekk tqasqsilhom il-ġewnaħ, tista' b'hekk taffettwalhom il-għanqud tal-bajd u ma jibqgħux ibidu wisq. Għalhekk, ir-rimedju għal dan it-twemmin kien li wieħed iqasqas il-ġewnaħ tan-naħa tal-lemin billi l-għanqud tal-bajd qiegħed in-naħa tax-xellug.

**Il-Fniek ma jixorbux?**

Dari kien hawn min jemmen li l-fniek ma jixorbux. Allura ma kinux jagħtuhom ilma. Anzi, ħafna kienu jibżgħu jagħtuhom l-ilma għax kienu jgħidu li dan imarradhom, li żaqqhom tintefaħ bih, u ħafna għajdut ieħor bħal dan. Issa l-aktar li jkollha bżonn tixrob hi proprjament il-għammiela jew il-fenka li tkun se jkollha ż-żgħar. Issa kien jiġri li jekk il-fenka tkun bil-għatx, u jkollha għatx hekk kbir li meta jitwieldu l-frieħ, tispiċċa tissalvaġġja u toqtolhom u anki tikolhom, b'telf kbir għal min irabbi.

L-ilma jkun ukoll meħtieġ għall-fenka wara li jkollha l-frieħ biex tkun tista' tredda' aħjar. Basta jkun ilma nadif.

Għalhekk min iħalli l-fniek mingħajr ilma jkun mhux biss qiegħed juri moħqrija lejn dan l-annimal fidil, imma jkun jissogra li jitlef il-boton.

**Il-Passa tal-Farfett l-Abjad**

Jingħad li l-farfett l-abjad tal-kaboċċi jpassi u, għalhekk, dan il-farfett jiġi minn barra. X'uħud igħidu li rawh ġej minn fuq il-baħar bi qtajja' kbar, imbagħad jinfirex mal-kampanja tal-gżejjer tagħna, u kulfejn isib uċuħ tal-ħaxix għall-borma bħalma huma pastard, ġdur, kaboċċi, brokkli, u x'naf jien, ibid fuq il-weraq tagħhom. Iħobb ipoġġi wkoll fuq il-ġarġir u l-ispiena jew aruka. Hu maħsub li kull farfett ibid mitejn bajda, u għalhekk, minn dawk il-mitejn bajda joħorġu mitejn xagħat jew dudu li jibda jiekol bla rażan il-weraq tax-xitla.

Għalhekk, il-għadd ta' friefet li jkun hawn iduru mal-kampanja tagħna jiddependi minn kemm ikunu passew dik is-sena.

Iżda wieħed għandu jkun jaf li meta tagħmel ix-xita kmieni, mhux biss il-ħaxix ta' l-ikel li semmejna jikber iżjed, iżda anki l-ġarġir u l-ispiena (aruka), jikbru, u l-farfett isib ħafna fuqiex jixxala, u, għalhekk, il-bidwi jibda jemmen li dawk il-friefet kollha jkunu ġew minn barra.

**Il-Werżieq isajjar il-Għeneb**

Il-werżieq ta' Malta u Għawdex ikun fl-aqwa tiegħu fix-xahar ta' Awissu, u għall-ħabta ta' Santa Marija l-għeneb jibda jsir. Ħafna bdiewa jemmnu li l-werżieq isajjar il-għeneb!

**Ir-Rummien isir bil-Beraq**

Il-bdiewa jemmnu wkoll li r-rummien, jew aħjar ħabb ir-rummien, il-parti tal-frotta tar-rummien li tittiekel, isir bil-beraq. Il-fatt hu li aktar ma jidħol iż-żmien, aktar ikollna beraq u xita, u r-rummien isir fl-istess żmien wara l-festa ta' San Mikiel fid-29 ta' Settembru, imma mhux bil-beraq!

**Jekk issaqqi r-rummien, il-frott jinqasam**

Dan m'hux veru. Anzi l-frott tar-rummiena jinqasam l-iktar jekk is-siġra tkun bil-għatx. Dan hu hekk għax il-ftit ilma li jkollha s-siġra, din tgħaddih lill-ħabb tar-rummien u mhux lill-qoxra, u għalhekk, meta l-ħabb jikber, din tinqasam. Mentri jekk is-siġra tkun imsoqqija, il-qoxra tal-frott tikber ukoll u ma tinqasamx.

**Il-Qamar jaffettwa t-Temp u l-Egħlejjel**

Disgħa u disgħin fil-mija tal-bdiewa jemmnu li l-qamar jaffettwa x'temp jagħmel, per eżempju meta jduru l-irjieħ, meta tagħmel ix-xita, meta għandu jsir iż-żrigħ, meta għandek tqiegħed il-bajd taħt il-qroqqa.

Il-qamar jaffettwa wkoll lin-nies li jitnisslu f'waqt ħażin għax joħorġu morda bil-mard tal-qamar (epilessja).

Imma x-xjenzjati jgħidu li dawn huma kollha superstizzjonijiet u l-qamar ma jaffettwa xejn ħlief il-baħar meta jimla u jofrogħ. L-epilessja, jew mard tal-qamar hija marda tal-moħħ li tintiret u għalhekk, jekk omm u missier xi ħadd ikun ibati biha, aktarx li xi tfal jew tfal tat-tfal, joħorġu morda b'din il-marda.

**Is-Sallura tikber minn Xagħra ta' żiemel**

Tradizzjoni oħra ta' niesna tgħid li s-sallura tikber minn xagħra ta' żiemel. Il-fatt hu li s-sallura tikber mil-bajd tas-sallur, bħal kull ħuta oħra skond razzitha.

**Denb il-Gremxula u l-Ħanfusa**

Fuq dawn il-ħlejjaq żgħar hemm superiitzzjonijiet koroh. Meta l-gremxula tkun attakkata taqta' denbha, biex min ikun jattakkaha jinfexx ma' denbha u hi tilħaq taħrab. Imbagħad denbha jerġa' jikber. Issa meta d-denb jinqata', dan jibda jitkagħweġ. Niesna jgħidu li jkun qiegħed jidgħi. Dan mhu veru xejn. It-tkagħwiġ hu biss strataġemma naturali biex il-gremxula tilħaq iddabbar rasha.

Fuq il-ħanfusa jgħidu li din tobżoq 'l Alla. Dan assolutament m'hux minnu għax il-ħanfusa, bħala ħlejqa, m'għandhiex l-intelliġenza biex toffendi 'l Alla, imma taġixxi biss bl-istint li tatha n-natura.

**"Difer il-Qattus" iġġib il-mard tal-Grieżem fin-Naħal**

L-ispeċi *Hippocrepis multisiliquosa,* jew "Difer il-Qattus", magħrufa wkoll bħala "xintilli" inkella "difrejn il-qattus", huwa isem ta' xitla li tinbet f'Mejju sakemm jispiċċa Ġunju, wara l-ħsad tas-silla; tibqa' baxxa ma' l-art u tagħmel ward irqiq bi kwantita' kbira, li fuqu jirgħa wisq in-naħal. Hemm min jaħseb li minħabba fiha jixtered il-mard tal-grieżem fost in-naħal billi dan il-mard jidher l-aktar bejn is-silla u s-sagħtar meta l-fjuri ta' 'difer il-qattus' ikunu fl-aqwa tagħhom.
Imma dan qatt ma ġie ppruvat xjentifikament.

*(jissokta)*

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Salvu Buttigieg (1919-1985)

Salvu Buttigieg ta xhieda nisranija billi wettaq ix-xogħol ta' Superjur fil-Mużewijiet tan-Nadur u tal-Qala.

Twieled il-Qala fil-1 ta' Diċembru 1919. Fi tfulitu attenda l-Iskola Primarja tal-Qala fejn tgħallem il-Malti, l-Ingliż u t-Taljan. Dejjem ħass ix-xewqa li jissieħeb fis-servizz ta' Alla u għalhekk meta kiber Salvu ngħaqad ma' l-Azzjoni Kattolika. Iżda meta fetaħ il-Museum fil-Qala nduna li Alla kien qiegħed isejjaħlu biex jingħaqad ma' din is-Soċjetà mwaqqfa mill-Beatu Ġorġ Preca. Sar Soċju fl-1946.

Fl-1948 nħatar Superjur tal-Mużew tan-Nadur. Il-Museum f'dan ir-raħal kien fil-bidu tiegħu u Soċji mill-lokal ma kienx hemm. Għalhekk ħtieġlu jagħmel bosta sagrifiċċji biex ma nsemmux it-tbatija tal-vjaġġ bejn in-Nadur u l-Qala li l-ewwel kien jagħmel permezz ta' *bicycle* u mbagħad b'*motor cycle*. Kellu jgħaddi minn toroq mudlama u mhux l-ewwel darba li wasal in-Nadur mxarrab għasra. Dam f'din il-ħajja għal sittax-il sena sħaħ. Fil-festa tal-Qala kien imur in-Nadur xorta waħda għat-tliet laqgħat tal-Ħadd.

Fl-1964 nħatar bħala Superjur tal-Qala. U hawnhekk kompla xogħol siewi li kien jagħmel in-Nadur mat-tfal u ż-żgħażagħ. Bħala xogħol kien impjegat bħala *salesman* fi stabbiliment kbir ta' l-elettriċi domestiċi fil-qalba tar-Rabat. Barra minn hekk kien jaħdem ir-raba'.

Salvu jibqa' mfakkar għat-tjubija tiegħu. Kellu karattru ħelu ħafna u qalb ġeneruża. Kien twajjeb ma' kulħadd u mhux biss mat-tfal u ż-żgħażagħ li jiġu l-Museum. Kien bniedem ta' pjaċir u fejn kien jista' kien ikun ta' għajnuna għal ħaddieħor. Kien imur jgħin lil min kien jitolbu jagħtih daqqa ta' id fir-raba' kif ukoll kien jagħmel l-injezzjonijiet b'xejn. Jibqa' msemmi għall-qalb tajba li kellu mat-tfal. Għalkemm kien marid baqa' jilgħab magħhom il-*football*.

Kien bniedem ta' ħajja spiritwali. Barra li kien jaqra l-kotba tal-Beatu Ġorġ Preca u l-*Famiglia Cristiana*, Salvu kellu għal qalbu l-qari ta' kotba spiritwali oħra. Kien iħobb jgħid: "Alla huwa Sinjur kbir u ħadd ma jgħaddih fil-ġenerożità", "dak li tistgħu tagħmluh bl-imħabba agħmluh .. dak li ma jistax isir b'imħabba ħalluh", "meta Alla jsejjaħlek mhux biex jeħodlok imma biex jagħtik", "tibdlux is-sħiħ mar-riħ".

Kellu għal qalbu ħafna d-delizzju tat-trobbija tan-naħal. Kien iqatta' ħafna ħin josservaħ. Il-bniedem ta' Alla jitgħaxxaq xħin jiġi f'kuntatt man-natura għax fiha jilmaħ il-ħallieq.

Dun Mikiel Attard, min-Nadur, f'apprezzament li deher fil-ġurnal "*Il-Ħajja*" kiteb: "Dan l-appostolat Salvu għamlu bi spirtu mużewmin sħiħ u kompletament ġenwin. Kienu jispikkaw fih l-aktar: a) is-satra evanġelika; b) il-ħlewwa u l-manswetudni erojka; c) u fuq kollox il-konsistenza u l-perseveranza, frott tal-għaqda intima ma' Ġesù u l-fehma l-aktar pura u retta" (*Il-Ħajja*, 4 ta' Marzu 1985).

Salvu baqa' attiv sa l-aħħar. Il-Ħadd attenda għal-laqgħa tas-superjuri li saret Malta, u t-Tnejn attenda bħas-soltu. It-Tlieta li kien id-19 ta' Frar 1985 ħassu ħażin fil-għalqa u filwaqt li ngabar kif seta', sejjaħ lill-Arċipriet Dun Anton Sultana. U fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar Salvu mar fid-dar tal-Missier.

Għalkemm għaddew tnejn u għoxrin sena minn mewtu t-tifkira tiegħu għadha ħajja.

***Angelo Xuereb***

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57, St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

TA' KENUNA
Bar & Restaurant
Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices
Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.
Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

## Għawdxin li għadna niftakru - 39 Minn Pawlu Mizzi

# JIEN U L-OĦRAJN





*Xellug: jien (Pawlu Mizzi); lemin, l-oħrajn, jew aħjar uħud minnhom fil-kumpannija tat-tijatrin ta' Ġużeppi ta' Żerrek ta' żmien it-tletinijiet. Filliera ta' fuq, mix-xellug: Kalanġ Bajjada, ta' Lelajja; Gejtu Scicluna, tas-Sasisa; Ġorġ Vella, ta' Spiru; Toni Xerri, ta' Terna; Toni Grech, tal-Pilar; Karmnu Teuma, tal-Karlina. Quddiem, mix-xellug: Wiġi Pace, ta' Stromu; Ċensu Galea, tar-Rebekk; Ġużepp Camilleri, ta' Żerrek; Galea Karmnu, ta' Baskal; Ġużeppi, il-Malti.*

Grazzi minn qalbi lil kull min kitibli jew ċempilli fuq l-'Għawdxin li għadni niftakar'. Tassew, grazzi lil kulħadd. Anke lil dawk li ma tantx niżlulhom. Ħadt gost b'kulma qalu.

Naċċertakom li kull kelma tħeġġiġni. Sinċerament, l-interess tagħkom jagħmilli kuraġġ. Għawdex tagħkom hu l-istess Għawdex tiegħi. U, minkejja l-bogħod li hawn jifridna, jibqa' hu dejjem id-dinja ċkejkna tiegħi li ma ninsa qatt.

U ma tatunix tort!

**Jien** twelidt u trabbejt fuq it-Tomba. L-iktar rokna ferrieħa tal-gżira. Għalija l-ewwel subborg li taqbad malli tħalli r-Rabat. Fejn tal-Mazz u fejn kien joqgħod ukoll Ġanni tal-Ħaruf.

Hemm qattajt tfuliti. Nilgħab fuq il-ħaxix. Ma' tfal oħra. Ta' Xaqqaq, ta' Sufa, il-Kaptanijiet, tal-Mejkel u ma nafx kemm oħrajn. U, kultant niġġieldu. Daqqa fuq xi ħofra tal gejn li ma tkunx tidher u daqqa fuq il-ballun taċ-ċaruta li jkun qed jitqatta'. U niġru u nixxabbtu mal-ħadid taċ-ċimiteru ta' fejn Sant Wistin.

Ma ninsihx dan tfuliti!

Ħafna, kont imqareb. U, la kont naħsibha u lanqas nibża'. Darba, biex ommi ma ssibnix, tlajt fuq l-bejt u staħbejtilha fuq iċ-ċinta ta' barra ta' l-apramorta! Lanqas biss għaddieli minn moħħi li stajt naqa'.

Tassew, ma kontx naħsibha. Nivvintah kont il-periklu. Imbagħad, ta' disa' snin daħħluni *boarder* is-Seminarju. Domt sitt snin maqful. Xorta, imma, ma nbdiltx. Li jfettilli f'rasi kont nagħmlu. Illum, ma niltaqax ma' Toni Falzon tax-Xirmi jew mat-tabib Karistu tax-Xagħra li ma jsemmulix xi praspura li kont nagħmlilhom. U l-Arċisqof Mercieca! Iżomm żaqqu bid-daħk meta nfakkru kif konna niffrankaw xi siegħa Latin ma' Leach. Il-Bambin biss jaf kemm paċenzja ħa bija!

Hekk kbirt! Nidħak u nittanta! Kif sirt *teacher*, imma, il-bravuri ta' Fuq it-Tomba bdew jgħibu. Darba waqt id-dimostrazzjoni ta' San Ġorġ nara t-tifel ta' Toni tal-Barmil ġej għal fuqi. Kollu riħa ta' għaraq u f'sakra ma jarax art. U jgħajjat u jiddendel m'għonqi qisu rani l-ewwel darba wara snin ta' safar l-Amerka!

'Għax int biss,' qalli, jgħannaqni u jbusni, 'int biss ikbar minn San Ġorġ. Grazzi, surmost. Għax int għallimtni nikteb ismi!'

Baqgħet għal snin tberren f'rasi din l-istorja tal-Barmil! Kliemu, 'Grazzi, surmost. Għax, int għallimtni nikteb ismi,' tawni l-isbaħ tagħlima t'għomri. Messaġġ qasir u ċar. U, meta bdejt nikteb għat-*Times* dan l-istil qasir u ċar tal-Barmil ma bdiltu qatt. Ġibidli l-attenzjoni għalih Fr. Debono, l-aħħar salesjan li kellna l-Oratorju Don Bosco. Iltqajna f'tieġ. Kien għadu kif wasal lura minn xi ħmistax-il sena missjoni. Ma kienx għarafni. Imbagħad, meta għedtlu li kont minn Għawdex fetħilha jgħidli kemm kienu jħobbuh l-Għawdxin u x'*farewell* kienu tawh meta ġie biex jitlaq mill-Oratorju.

'Nagħtik il-*cutting* tat-*Times,'* qalli. 'Rapport tassew tajjeb. Miktub minn Leo!'

Ħbatt sa nidħak. Imbagħad, għidtlu li 'Leo' kont jien. U tgħidx kemm għannaqni! Irringrazzjani u kważi qabiżlu d-dmugħ.

Ħassejthom niżlin f'ruħi jaħarqu dawk id-demgħat ta' Fr. Debono! Kont insejtu dak ir-rapport. Kliemu ferraħni kif feraħ hu, kif ferrħu kliemi dak inhar li qara l-artiklu tiegħi.

Ġarrabbtu dan il-ferħ drabi oħra. Kulmeta bħala pubblikatur kont noħroġ ktieb u nara lill-awtur jifraħ. Ma ninsihx wiċċ il-professur Aquilina jixgħel meta tajtu l-ewwel kopja tal-*Maltese-English Dictionary* tiegħu. 'Kemm ħdimna għal dan il-mument!' qalli.

Imbagħad, fetħu, qallbu, xammu u jitbissem kompla jgħidli: 'Prosit u grazzi. Illum, lil Malta tajniha l-isbaħ rigal! Ma rridx nemmen. Żewġ Għawdxin!'

Tassew inħossni kburi meta niftakar kif bidlitni l-'grazzi' ta' dawn in-nies. L-ewwel mingħand tifel li għallimtu jikteb ismu, imbagħad m'għand qassis li faħħartu f'gażżetta, u fl-aħħar m'għand professur Aquilina li għal iktar minn tletin sena ħadem bla heda biex ta lill-ilsien Malti l-isbaħ rigal bid-dizzjunarju tiegħu!

Ma fraħtx jien biss. Ferħu miegħi oħrajn. Dawk kollha li ħadmu miegħi. Marti u uliedi, b'mod partikolari. Kienu huma l-ispirazzjoni fit-tfassil tal-Klabb Kotba Maltin. Tassew, 'l-anġli tal-Klabb', kif sejħetilhom darba Karmen Mikallef Buħaġar.

Anke f' dawn l-'Għawdxin' tal-*Ħajja f'Għawdex*! Forsi, ħadd ma jemminni. Min jaf kemm-il darba fakkruni f'episodji li jien kont insejt. U min jaf kemm-il darba wissewni, huma ukoll, li ma xtaqux jaqraw iżjed fuq Għawdxin mir-Rabat!

Tistgħu taħsbu kontx nikkuntentahom kieku stajt! L-għażla, imma, ma tiddependix minni biss. L-għażla marbuta ma' l-imgħoddi tiegħi. U, l-imgħoddi tiegħi, sfortunatament, m'għandux ħafna esperjenzi 'l barra mid-dinja ta' fejn Sant' Wistin.

**L-oħrajn**, għalhekk, għandhom raġun jitmeżmżu. Niżgurahom, imma, li r-Rabat tiegħi mhux minn fejn Sant Wistin sa fejn San Franġisk. Ir-Rabat tiegħi hu Għawdex kollu! U, ir-Rabtin huma għalija Għawdxin bħal dawk kollha li hemm joqogħdu fl-irħula. B'xi rokna f'qalbhom fejn tidwi s-sempliċità u t-tjubija ta' ruħ nisranija. Dawn huma l-'Għawdxin' tiegħi.

Karmnu ta' l-Aħmar, per eżempju, ma għażiltux għax kien jibbrilla l-iskola. Imma għax bil-widna tajba li kellu għad-daqq tal-qniepen, kellu l-ħila jiġbed l-ammirazzjoni tal-professur Conti. U lil Ġoġò tax-Xejxier għażiltu għax ta' sempliċi bejjiegħ tal-kotba u dilettant tal-banda kellu l-ħila bil-manjieri ċajtiera tiegħu jferraħ toroq sħaħ. U, lil Wistinu tal-Vari għax għaraf is-sabiħ f'ħaddieħor. Sabiħ li metaforikament fl-arti jissimbolizza l-grazzja ta' Alla.

Għalhekk dawn l-'Għawdxin' ridt inpenġihom: nurihomlkom bħala *pen-sketches*. Akwarelli tal-pinna. Karattri ħajjin iktar minn dawk fil-kwadri ta' Caruana Dingli. Ippruvajt naqra ruħhom kif kont narahom fit-triq. Bil-ħwejjeġ ta' fuqhom u bid-djalett li bih tkellmu. Kif kont rajt lil Ġorġ ta' Gerit. Qalziet nieżel, kemm kemm iżomm fuq ħżiemu u kollu dqiq. Bla ħsieb, daħkan, fuq karrettun, jgħanni minn taħt l-ilsien, sejjer ċeklem lejn Marsalforn.

B'dawn in-nies hija mimlija d-dinja ċkejkna tiegħi. Nies sempliċi u onesti. Kuntenti dejjem b'dak li għandhom! Ma jixtiequ xejn iżjed. Lanqas jekk jitteħdilhom milli jkollhom. Għalhekk, ma naħsibx li Ġużeppa ħadet għalija meta għidtilha ta' Ġannpatist flok ta' Ġamri. Nieħu gost niddiskrivi lil min naf kif nafu! Qatt bid-dettalji ta' xi bijografija. La jien intellettwali u lanqas storiku!

L-elementi ewlenin fil-kitba tiegħi huma, għalhekk, tlieta: is-sempliċità fl-istil, id-djalett li jagħti identità, u l-kwalitajiet morali u spiritwali li jagħmlu kull Għawdxi uman u bħal fid-dinja ta' Shakespeare ikun attur li jagħmel il-parti tiegħu sewwa.

**Is-sempliċità fl-istil** għidt dwarha biżżejjed. Nikteb kif nitkellem. Bi kliem li nuża kuljum. Id-dar u l-uffiċċju. Biex jifhimni kulħadd malajr u tajjeb. 'Basta,' kien jgħidli Dun Gulielm b'subgħu marsus ma' xufftejh qisu filosfu Grieg, 'basta li kull kelma tkun ċara u bla ekwivoku!'

Minn għand dan il-qassis twajjeb tgħallimnt ir-regoli ta' kif tikteb. 'Għaxra huma!' kien jgħidilna. 'Daqs il-kmandamenti! L-ewwel, li trid taħseb biex tikteb; it-tieni, li tikteb bil-qies u ma tużax kliem żejjed; it-tielet, li żżomm biss mal-fatti. Ir-raba', li twarrab stqarrijiet ġenerali. Il-ħames, li ma turix li int infallibbli; is-sitta, li ma tiktibx iktar milli meħtieġ; is-seba', li ma tiktibx sentenzi twal; it-tmienja, li tkun konċiż kemm tista'; id-disa', li ma tirripeti qatt kelma li tkun użajt diġa; u l-għaxra, li ma tagħżel qatt kelma li ma tafx xi tfisser minkejja li tkun ta' oriġini pura.

Mhux ta' b'xejn li f'kull lingwa l-puriżmu mitqies b'antikwat. Ninu Cremona ma jogħmodiex. Jgħidha ċara u tonda fil-ktieb tiegħu *X'inhu l-Malti Safi* 'li kull kelma fil-Malti li ma tintużax tajba biss biex titqiegħed f'mużew!' U Jonathan Swift, 300 sena ilu, kien diġa għaraf li l-Ingliż ta' żmienu bl-idjoma ta' żmien Chaucer ma jiftiehemx! Kif lanqas jiftiehem il-Malti kieku kellna nitkellmu bil-kliem tal-*Cantilena*. Jew b'dak tad-djalogi ta' Agius de Soldanis!

**Id-djalett** nużah biex nagħti identità lill-karattri tiegħi. U, la nagħmlu biex ngħajjeb jew nitgħajjar u lanqas biex nagħżel bejn il-pulit u l-baxx. Frenċ tas-Sajf, għax mill-Għarb, jitħaddet bid-djalett ta' l-Għarb u Marija tal-Gabillott, għax mir-Rabat, titħaddet bid-djalett tar-Rabat.

Kull roqgħa għandha d-djalett partikolari tagħha. Fir-Rabat bil-'ke' u fl-irħula bl-'o' jew bl-'u'. U b'aċċent fil-vokalizżazzjoni, maħtuf jew imkarkar. F'xi raħal ġie li ssib ukoll kelmiet partikolari għan-naħiet tiegħu. Il-kelma 'bajju' tingħad f'Għawdex biss u tfisser wieħed li jkun baħnan; u 'xkavina' tingħad iż-Żejtun għal 'kutra'; u 'draguni' f'Ħaż Żabbar għal 'kavallerija'.

F'Għawdex, forsi, għandna vantaġġ meta niġu biex nistħarrġu d-djaletti. Sa nofs is-seklu XVII l-inħawi tal-qalba tal-gżira biss kien urbanizzat: ir-Rabat u l-Kastell. L-irħula ta' madwarhom, minħabba l-biża' tal-furbani, kienu għadhom ma bdewx jiġu żviluppati. L-iżvilupp tagħhom beda kif inbnew it-torrijiet. Ix-Xewkija u l-Għarb kienu minn ta' l-ewwel. U ftit warajhom ix-Xagħra, in-naħiet tan-Nadur u l-Qala, ta' Sannat, u ż-Żebbuġ. Forsi, għalhekk, meta tar-Rabat jitkellmu bil-'ke', x'aktarx jikxfu s-sottustrat Feniċju-Puniku tal-lingwa Maltija.

Skond l-istħarriġ li kien għamel M.A. Vassalli fil-bidu tas-seklu XIX id-djaletti f'dawn l-irħula ma kinux tant differenti minn dawk ta' l-irħula f'Malta. Lanqas fl-Għarb ma sab ħafna differenza. Ma kinux jitħaddtu 'bil-brejku' kif qal George Badger. Għal Vassalli dak kien biss '*gergo artifiziale*', aktarx fdal ta' xi kliem bl-Għarbi li ma kienx għadu jintuża fl-ibliet.

L-aħħar *survey* li sar fuq id-djaletti ta' Għawdex kien fl-1962 minn Professur Aquilina u l-Professur Isirlin. Il-konklużjonijiet tagħhom kienu ġew pubblikati mill-Università ta' Leeds. Għall-kitba tad-djaletti ta' l-'Għawdxin' tiegħi ma użajtx l-alfabett fonetiku internazzjonali. Użajt l-alfabett ta' l-Għaqda, mingħajr l-ajn (għ) u l-akka (h). U bla aċċenti. 'Għamilt' ktibtha 'amilt' u ''l hemm', 'lemm' u 'l-hena', 'lena'. Kull kelma kif tinħass.

U, fl-aħħar **il-kwalitajiet morali u spiritwali**. Dawn ma ċaqlaqthomx minn kull individwu. Ħallejhom kif sibthom. Kull wieħed x'inhu jinkixef minn għemilu. Bħas-siġra tal-Vanġelu li tingħaraf mill-frott tagħha. Tajjeb jekk jaħseb u jagħmel it-tajjeb. Ħażin, jekk jaħseb u jagħmel il-ħażin.

Minn dawk ta' kwalitajiet morali tajba nagħżilhom jien l-'Għawdxin li għadni niftakar'! Bi stejjer qsar bħall-istejjer ta' Esopu. U li jifhimhom kulħadd bħal dawk tal-kittieb kattoliku Thachery miktuba b'Ingliż mexxej.

Għax kif kien iħobb jgħid Aristotli mijiet ta' snin ilu: 'In-nies tifhmek jekk taħseb b'moħħ ta' l-għaref u tikteb kif jitkellem il-poplu!'

Arti u Kultura f'Għawdex

# Għawdex u l-Wirt fl-Arti Viżiva

*minn* **Joe Camilleri**

**Il-produzzjoni u l-kwalità artistika mhux bilfors li jridu jkunu dejjem relatati mad-daqs ġeografiku. Minkejja ċ-ċokon u l-limitazzjonijiet tiegħu, minkejja l-iżolament storiku u l-kundizzjonijiet soċjo-kulturali u ekonomiċi ta' l-imgħoddi, fil-qasam ta' l-arti viżiva, Għawdex għandu wirt li mhux ta' min iwarrbu. Tassew li ħafna mill-patrimonju artistiku hu ta' livell provinċjali. Iżda ma rridux ninsew ċerti ġawhriet li għandhom ikunu l-kburija tagħna.**

**L-ewwel ħjiel artistiku nsibuh fil-fdalijiet arkijoloġiċi, fosthom l-imqades tal-Ġgantija. Huma l-bidu ta' arkitettura distintiva, monument għall-ħila, is-sengħa u l-intelliġenza ta' missirijietna. Minkejja d-diffikultajiet tekniċi tal-bennejja tal-qedem, nintlaqtu mill-ippjanar, il-proporzjonijiet u l-estetika imponenti ta' l-imqades.**

Il-bniedem neolitiku sfrutta l-materja prima li sab madwaru. Beda proċess li kellu jwassal sakemm tissawwar arkitettura b'taħlit ta' influwenzi, iżda b'karattru u xejriet tagħna.

## ARKITETTURA

*Arkitettura militari*

Mat-tixrid taċ-ċiviltà, il-kummerċ, l-ambizzjonijiet politiċi u t-tħaris kontra espansjonijiet territorjali, nibtet l-arkitettura militari. Insibu l-fortini u t-torrijiet ta' żmien l-Ordni, kif ukoll id-djar fortifikati f'għamla kwadra jew irregolari. Iżda l-ikbar ġawhriet ta' arkitettura militari fil-gżira huma s-swar tal-Belt il-Qadima u l-Forti Chambrai. Iċ-Ċittadella tisseqqer 'il fuq, sensiela ta' linji dritti u riġidi li jnisslu sens ta' saħħa, sigurtà u serjetà.

*Arkitettura ekkleżjastika*

L-arkitettura ekkleżjastika tatna l-għadd sabiħ ta' knejjes u kappelli li tant jorqmu 'l-pajsaġġ għawdxi. Hemm il-knejjes bikrin bi pjanta sempliċi rettangulari, b'saqaf lixx jew ħajt mmejjel. Insibu knejjes akbar, fil-biċċa l-kbira f'għamla ta' salib latin. L-istil ivarja minn tiżwiqa ta' barokk u neo-klassiku, għal taħlita ta' elementi Romaneski, u ħjiel ċkejken ukoll ta' l-arkitettura neo-gotika. Hafna soqfa huma mfassla fuq stil manjerista jew barokk, b'koppla li hi għeliem prominenti ta' kull raħal.

*Binjiet pubbliċi*

Fost il-bini pubbliku jispikkaw il-*Banca Giuratale* li kienet is-sede ta' l-Università Għawdxija, il-palazzin Bondi' bi stil rinaxximentali Spanjol, u l-isptar il-qadim bi pjanta ta' Michele Cachia. B'eċċezzjonijiet żgħar, l-imtieħen tar-riħ jiġbdu l-għajn bil-pjanta mhix tas-soltu (torri għat-tond fuq bażi kwadra) imma li hi addattata wisq għall-funzjoni partikulari tal-binja. Fihom, wieħed jinnota ċerta influwenza minn Sqallija, l-iktar minn Trapani.

*L-arkitettura domestika*

L-arkitettura domestika tinkludi r-razzett li tant jixraq ma' l-ambjent rustiku li donnu kiber mill-art bħalma jikbru s-siġar. Sempliċità u funzjonalità huma l-kriterji li jixhdu żmenijiet oħra, waqt li l-kontroll fil-linjamenti ta' din l-arkitettura vernikulari jirriflettu l-karattru għawdxi. Ta' interess speċjali huma ċerti djar li għadhom wieqfa fil-Belt il-Qadima, u oħrajn qodma fil-parti l-qadima tar-Rabat, u fi rħula bħax-Xewkija u l-Għarb. Hafna minn dawn id-djar huma tas-seklu tmintax b'bibien bi gwarniċuni u b'gallariji miftuħa. Il-bank tal-gallarija jista' jispiċċa kartabun jew inkella fit-tond. L-arkata jew arzella, flimkien mas-saljaturi pproporzjonati jkomplu jżidu l-eleganza tal-gallariji. Ċerti karatteristiċi u motivi fil-lavur, fosthom il-qmura, huma indikattivi ta' l-epoka meta tkun nħadmet il-gallarija.

## SKULTURA

Il-wirt fil-qasam ta' l-iskultura jaf il-bidu tiegħu wkoll miż-żmenijiet neolitiċi. Ta' interess speċjali huma l-istatwetti li nstabu fiċ-Ċirku tal-Ġebel fix-Xagħra. Imbagħad, l-iskultura eqreb lejn żmienna tvarja mill-arti popolari bħalma huma ħafna statwi fin-niċeċ tal-beraħ, sar-rilievi u l-istatwi fil-knejjes. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-istatwi titulari jew devozzjonali huma prodott tas-seklu dsatax u nistgħu nqisuhom ta' livell artistiku sodisfaċenti jew tajjeb ħafna. L-istil ivarja min-neo-klassiku għal dak barokk. Uħud huma xogħol skulturi u statwarji lokali.



*Statwi*

Ta' min isemmi lil Pietru Pawl Azzopardi li ħadem l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, dik ta' San Ġwann Battista (*Xewkija*), Ġesù Kurċifiss (*Bażilika ta' San Ġorġ*), San Makarju u Sant'Elena (*Oratorju tal-Kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali*). Marjanu Gerada ħadem lil Sant'Elija (*knisja parrokkjali tax-Xewkija*), waqt li minn taħt idejn Alessandro Farrugia ħarġu l-istatwi ta' San Mikiel u Kristu Mejjet (*Bażilika San Ġorġ*) u l-Madonna tar-Rużarju (*Bażilika tax-Xagħra*). Għal Għawdex, l-iskultur Salvatore Psaila ħadem l-istatwa eċċellenti tal-Kunċizzjoni (*Knisja ta' San Franġisk*). San Sidor, ta' awtur mhux magħruf (*Knisja ta' San Franġisk*) hija vara ta' interess partikulari. Fil-qasam ta' l-istatwarja ta'

min isemmi l-għadd sabiħ ta' statwi importati lejn tmiem is-seklu dsatax minn Marsilja, flimkien max-xogħol tal-kartapesta ta' Vincenzo Cremona u dak ta' Wistin Camilleri, b'mod speċjali il-Madonna tal-Grazzja (*knisja tal-Patrijiet Kapuċċini*), il-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù (*Parroċċa ta' Fontana*) u l-Madonna tar-Rużarju (*Parroċċa tal-Qala*).

## PITTURA

L-aħjar u l-ikbar għadd ta' pitturi jinsabu fil-knejjes. Hawnhekk insibu rappreżentanza ta' l-artisti Maltin minn Erardi, Zahra, Buhagiar, Michele u Salvatore Busuttil, sa Calì, Pisani, Vella, Briffa u Cremona, flimkien ma' oħrajn barranin fosthom Preti, D'Arena, Gagliardi, Monti u Conti. Ċerti xogħlijiet jilħqu livell artistiku tajjeb; oħrajn huma ta' xejra provinċjali. Impossibbli li nirreferi għall-kotra tax-xogħlijiet mferrxa fil-knejjes u l-kunventi tagħna. Insemmi biss xi waħdiet.

*Eżempji ta' pittura sagra*

Fosthom, it-titular il-qadim tal-Katidral (*Mużew tal-knisja*) li jikkonsisti minn polittiku ta' seba' biċċiet mpittra bit-tempra fuq l-injam. Huma xogħlijiet interessanti u kurjużi ta' livelli varji li jidher li ħarġu minn idejn differenti bejn it-tieni nofs tas-seklu sittax u s-seklu sbatax.

Wisq iktar ta' siwi artistiku hi l-kompożizzjoni li turi l-ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu (*Mużew tal-Katidral*). Din l-opra kienet ġiet ikkummissjonata mill-Isqof Baldassare Cagliares bħala kwadru titulari għall-knisja ta' San Ġużepp li l-istess isqof kien bena fl-1620 annessa mal-palazz tiegħu fiċ-Ċittadella. Huwa kwadru kjaro-skur fil-linja manjerista b'disinn sod, dettalji realistiċi u passaġġi ħelwin. Fil-Vista Pastorali tal-1755, dan l-inkwadru kien ġie attribwit lil Filippo Paladini, pittur manjerista li kellu ċerta influwenza f'Malta u Sqallija fejn ħadem. B'dankollu, il-Prof. Mario Buħagiar jgħid li dan ix-xogħol jidher li hu Nordiku u li wieħed għandu jkun kawt meta jattribwih lil Palladini.

L-Isqof Cagliares kien irregala kwadru ieħor ta' importanza artistika, din id-darba, it-titular tas-santwarju tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Dan ix-xogħol stupend tas-seklu sbatax hu attribwit lil Federico Barocci.

Mattia Preti tana l-kwadru titulari ta' San Ġorġ fil-Bażilika ddedikata lill-istess qaddis, flimkien mal-kwadru tal-Madonna tal-Ħniena bl-Erwieħ tal-Purgatorju. Ta' l-ewwel kien ikkummissjonat fl-1678, waqt li t-tieni kwadru tpitter fl-1688. L-id ta' Preti tinħass ukoll fil-kwadru titulari ta' Santu Wistin (*Knisja ta' l-Agostinjani*) li sar fl-1690.

Francesco Zahra ħallielna bosta xogħlijiet notevoli. Forsi ta' min isemmi l-kwadri laterali fil-bażilika ta' San Ġorġ. Fl-istess knisja nsibu wkoll sotto-kwadru ħelu li juri l-Madonna bil-Bambin. Hu attribwit lil Pierre Guillemin, pittur li kien attiv f'Ruma għal nofs is-seklu tmintax.

Il-pittur ta' dixxendenza Għawdxija, Salvatore Busuttil tana l-kwadru titulari tal-knisja ta' Kerċem li tpitter fl-1854. Hu biċċa xogħol eċċellenti u waħda mill-aħjar pitturi tas-seklu dsatax li nsibu fil-gżejjer Maltin. Xogħol tajjeb ieħor fl-idjoma pre-Raffaelita (jew Nazzarena) hu l-kwadru titulari tal-knisja tad-dar ta' l-irtiri, Manresa, xogħol il-pittur Malti Giuseppe Hyzler. Il-pittur Taljan Galimberti tana l-mewt ta' San Ġużepp (*Parroċċa ta' Fontana*) waqt li Calì jidher fl-aħjar tiegħu fi kwadri li nsibu fil-knisja l-qadima, Għajnsielem. Importanti għall-istorja ta' l-arti tas-seklu għoxrin f'Malta huma l-kwadri laterali li pitter Giuseppe Briffa għall-knisja kunventwali ta' l-Agostinjani.

Bħala xogħol dekorattiv fl-soqfa tal-knejjes għawdxin, ta' min isemmi d-dekorazzjoni b'disinn ta' perspettiva stupenda li fl-1739, l-artist Antonio Emmanuele Di Messina lesta għall-koppla finta tal-Matriċi. Proġetti dekorattivi oħra li jixirqilhom apprezzament huma dawk tal-Bażiliki tan-Nadur (Lazzru Pisani), tax-Xagħra (Virginio Monti), ta' San Ġorġ (Gian Battista Conti) u tal-parroċċa ta' Kerċem (Giuseppe Briffa).

## IL-QAGĦDA PREŻENTI

Illum, il-wirt artistiku qed jissokta jikber. Għandna artisti għawdxin li stabbilew ruħhom bħala pitturi, skulturi u ċeramisti bl-istil u l-karatteristiċi distintivi tagħhom. Hemm min diġà tana proġetti f'postijiet pubbliċi. Oħrajn għadhom jesperimentaw b'medji, stil u teknika biex isibu l-idjoma espressiva li tgħodd għat-temperament tagħhom. Il-wirjiet ta' arti viżiva li b'mod regolari naraw fi gżiritna jawguraw ġejjieni sabiħ. Juruna l-interazzjoni ta' l-artisti tagħna ma' żviluppi u movimenti barranin. Fuq kollox, jixhdu li tjieb sew il-livell fil-preżentazzjoni.

**Nittama li l-iskola ta' l-arti f'Għawdex trawwam dejjem demm ġdid u tnibbet ideat u xejriet ġodda.** Barra li tagħti l-bażi tat-tagħlim, din l-iskola trid tipprovdi s-sens ta' direzzjoni, trawwam l-attitudnijiet korretti u sservi ta' molla biex tħeġġeġ lill-istudenti jiskopru fihom innifishom u fid-dinja wiesgħa ta' madwarhom.

**Il-wirt li ħallewlna missirijietna ma jridx jistalla għax inkella nieqfu fil-fażi ta' mużew. It-tradizzjoni trid tibqa' tinbena.** Trid tibqa' tissarraf f'kontinwità biex tibqa' nieżla għal ta' warajna. Lil uliedna rridu ngħaddulhom ukoll il-fażi tagħna msawra mill-esperjenzi, l-interazzjonijiet, il-motivi u l-espressjoni relevanti għal, u li jirriflettu, żmienna. Irridu nuru li aħna poplu ħaj li ma għotorx fi żmienu, iżda li baqa' miexi bl-identità partikulari u distintiva tiegħu.

**Ta' min iħeġġeġ li l-viżjoni u l-esperjenzi l-ġodda li ksibna ma jissarrfux biss fl-arkitettura, pittura u skultura.** Ta' min jifrixhom ukoll fl-arti applikata, fid-disinn u l-preżentazzjoni tal-prodotti li nsawru, l-iktar fix-xogħol ta' l-artiġanat, b'mod partikulari fil-bizzilla, filigranu, xogħol fil-ġebel, fil-fuħħar eċċ. Waqt li ma nwarrbux dak li hu tradizzjonali u stabbilit, nikxfu wkoll possibbiltajiet oħra ta' kif l-arti tista' tgħinna noħolqu l-ġdid.

**Din il-gżira hi żgħira u għandha l-limitazzjonijiet tagħha. Iżda t-talent u l-kreattività jistgħu jkunu bla limiti u qatt m'għandhom jixxekklu minn mentalità iżolari. Il-wirt tagħna, flimkien mal-karattru ħabrieki, bieżel u ħawtiel għandhom iservuna ta' inċentiv biex inħarsu 'l quddiem b'tama.**

# MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GHAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Ħidma u Proġetti b'risq ir-raħal tax-Xewkija

Tikteb Dr. Monica Vella LL.D., Sindku tax-Xewkija

## Ġieħ ix-Xewkija 2006



Ta' kull sena l-Kunsill Lokali tax-Xewkija jorganizza diversi attivitajiet sabiex ifakkar Jum ix-Xewkija, is-27 ta' Novembru. Dawn l-attivitajiet jinvolvu wkoll lit-tfal illi jattendu l-iskola Primarja Rosa Magro illi ħadu sehem fi *Traffic u Child Abuse Campaign* li l-Kunsill jorganizza flimkien u bil-kollaborazzjoni tal-Korp tal-Pulizija u ta' l-Awtorità Dwar it-Trasport. Tiġi organizzata wkoll Wirja ta' Arti u Talent Lokali li tibqa' miftuħa għall-pubbliku għal madwar ġimgħa. F'din il-wirja r-residenti kollha tax-Xewkija, inkluż it-tfal ikollhom l-opportunità li jesebixxu xogħol li jkunu għamlu huma stess, inklużi pittura, skultura, bizzilla, ganutell, mudelli kemm tat-tafal kif ukoll materjal ieħor fost xogħlijiet oħra. Din is-sena, bil-kooperazzjoni tas-Soċjetà Filatelika Għawdxija, kellna wkoll sezzjoni ta' Filatelija fejn ġew esebiti bolli dwar l-istorja tax-Xewkija u San Ġwann Battista. Din is-sena ġiet inawgurata wkoll uffiċjalment il-*website* ġdida tal-Kunsill, *www.xewkija.gov.mt*. Inħeġġukom tidħlu fuq din il-*website* regolarment sabiex tinformaw ruħkom b'dak kollu li jkun qed jiġri fix-Xewkija. Il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jintlaħaq bl-għoti tal-Premju Ġieħ ix-Xewkija, li din is-sena ntrebaħ minn Frenċ Farrugia.

## Kampanja *Clean Up The World* 2006

Il-Kampanja *Clean Up The World* tiġi organizzata flimkien ma' l-iskola Primarja Rosa Magro annwalment. Din is-sena t-tfal tagħna kellhom esperjenza ġdida u tista' tgħid ukoll unika għaliex flimkien magħna, din is-sena kellna wkoll l-Ambaxxatriċi Amerikana Molly Bordonaro. Wara li żaret l-iskola Primarja u anke tkellmet ma' diversi klassijiet, l-Ambaxxatriċi ħadet sehem flimkien magħna



u mat-tfal ta' l-iskola fil-Kampanja *Clean Up The World*, illi saret proprju fil-ġnien li nfetaħ is-sena l-oħra mill-Kunsill Lokali u li ġie ddedikat speċifikatament għat-tfal tal-lokal tagħna, "Ġnejnet it-Tfal". Wara hija kellha laqgħa mal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

## Il-Ġnien Ta' Blinkas

Wara ħidma kontinwa matul dawn l-aħħar erba' snin u nofs il-Kunsill Lokali rnexxielu jikseb id-devoluzzjoni tal-Ġnien Ta' Blinkas. Il-Kunsill kiseb ukoll il-permessi neċessarji mill-MEPA sabiex dan il-ġnien jiġi riabilitat. Dan il-ġnien, li issa ġie f'idejn l-amministrazzjoni tal-Kunsill, jinsab fl-inħawi tal-Kanal fix-Xewkija. Fih insibu madwar elf siġra taż-żebbuġ. Dan il-ġnien huwa uniku f'Għawdex għaliex huwa l-uniku wieħed li ġie aċċettat u reġistrat bħala ġnien organiku fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent. Dan ifisser li f'dan il-ġnien jitkabbar iż-żebbuġ mingħajr l-użu ta' kwalunkwe tip ta' kimika u fertilizzant. Barra minn hekk fih insibu diversi fdalijiet storiċi bħal *cart ruts* li jibdew mill-bidu tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini, jgħaddu minn dan il-ġnien u jibqgħu sejrin tul il-Wied kollu ta' Mġarr ix-Xini u aktar. Il-Kunsill diġà naddaf parti minn dan il-ġnien li kien jinsab fi stat ta' abbandun, u fi ftit xhur oħra huwa mistenni li dan il-ġnien jitnaddaf kollu sabiex il-pubbliku in ġenerali jkun jista' juża dan il-ġnien bħala post ta' rikreazzjoni.





## Il-Park Reġjonali ta' Wied Mġarr ix-Xini

Fil-ħarġa ta' Ottubru 2004 ta' dan il-*magazine* jiena, flimkien mas-Sindku ta' Sannat, konna informajna lill-qarrejja dwar il-proġett għall-Park Reġjonali fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Matul dawn is-snin bqajna naħdmu fuq dan il-proġett u kellna riżultati pożittivi ħafna. Il-ħidma kollettiva ta' dawn iż-żewġ Kunsilli tinvolvi inizjattiva għall-ħarsien tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini u l-ambjent ta' madwar. Il-Wied ta' Mġarr ix-Xini huwa wieħed mill-ftit siti panoramiċi fil-Gżira Għawdxija. Fil-fatt dan il-Park Reġjonali huwa l-uniku proġett illi jirrappreżenta lill-gżejjer Maltin fil-programm COST A27 ta' l-Unjoni Ewropeja. Matul iż-żmien li ilna naħdmu fuq dan il-proġett flimkien mal-Kumitat ta' Azzjoni għall-Wied ta' Mġarr ix-Xini, kif ukoll mad-Dipartiment ta' l-Arkeoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mas-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali Malti, sibna mhux anqas minn sittax-il sett ta' bjar fil-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Illum dawn huma dokumentati uffiċjalment. Aktar minn hekk qed isiru wkoll skavi f'partijiet minn dan il-park reġjonali. Fl-inħawi "tal-Kus" instabu wkoll fdalijiet storiċi li jmorru lura għaż-żmien Puniku Ruman. Dawn il-fdalijiet ikopru elf sena ta' storja u huma importanti ħafna għall-istorja ta' pajjiżna.

## Il-Bini ta' Waste Transfer Station f'Għawdex jew kif tiftiehem aħjar minn kulħadd post fejn jinżamm iż-żibel

Il ħasra u misthija kbira hija, li filwaqt illi dawn iż żewġ Kunsilli ilhom jaħdmu għal dawn l-aħħar mill-inqas erba' snin u għadhom jaħdmu fuq dan il-proġett ta' park reġjonali għal Għawdex fil-Wied ta' Mġarr Ix-Xini, bl-għan ewlieni li jitħares l-ambjent ta' dawn l-inħawi kif ukoll il-fdalijiet storiċi, arkeoloġiċi, il-wirt kulturali u l-ispeċi ta' pjanti, ħxejjex u anke annimali li jgħixu f'dawn l-inħawi, u dan wara li nkisbu wkoll il-permessi neċessarji mill-MEPA, l-MEPA ħarġet permess lill-*Wasteserve* sabiex proprju f'nofs dan il-proġett fl-inħawi magħrufa "tal-Kus", maġenb il-postijiet fejn instabu dawn il-fdalijiet storiċi li semmejt aktar kmieni, jintuża bħala post fejn jinżamm iż-żibel jew kif tiftiehem aħjar tiġi krejata miżbla. Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ilu mill-bidu nett joġġezzjona għal dan l-iżvilupp, għaliex dan se jeqred darba għal dejjem dawn il-fdalijiet storiċi kif ukoll l-ambjent sabiħ u mhux mittiefes tal-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill ħa dawk il-passi kollha kemm quddiem il-MEPA kif ukoll quddiem il-Qorti sabiex dan l-iżvilupp għall-miżbla ma jseħħx għaliex barra milli ser jirrovina l-park reġjonali dan ser jeqred ukoll il-Wirt Kulturali tagħna lkoll. Nittamaw illi r-raġuni tirbaħ sabiex l-Ambjent u l-Wirt Kulturali tagħna lkoll jiġu protetti.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press *gozopress@onvol.net.*

BOGI AUTO LTD
Spare Parts
Batteries
Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Passiġġata Biblika - 22

*"Imma intom ġens magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb."* (1Pt 2:9)

# IL-KNISJA
# IL-POPLU MSEJJAĦ TA' ALLA

**minn Fr. Charles Buttigieg**

## X'inhi l-Knisja?

Il-kelma 'Knisja' ġejja mill-kelmiet griegi '*kyriake*' li tfisser 'tappartjeni lill-Mulej' u '*ekklesia*' li tfisser 'poplu msejjaħ'. Fl-Antik Testment niltaqgħu mat-terminu 'poplu tal-Mulej', bil-lhudi '*qahal Jahweh*': "Għala ġibtu l-poplu tal-Mulej f'dan id-deżert, biex immutu hawn aħna u l-bhejjem tagħna?" (Num 20:4). Fil-Ġdid Testment, il-Knisja hija l-poplu l-ġdid, il-poplu magħżul ta' Alla: "Imma intom ġens magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb" (1 Pt 2:9). Dawk kollha li bdew iħaddnu r-reliġjon il-ġdida mwaqqfa minn Ġesù ta' Nazaret bdew jissejħu 'Kristjani' għall-ewwel darba, fil-knisja ta' Antijokja fis-Sirja mmexxija minn Pietru (ara Atti 11:26). Il-poplu ta' Alla għalhekk issa beda jħaddan distintiv ġdid għax aċċetta lil Kristu u jinsab determinat li jimxi warajH.

San Pietru jindirizza lill-komunitajiet nsara fl-ewwel ittra tiegħu u jagħtihom ħafna tagħrif dwar in-natura tal-Knisja u jsejħilhom bħala dawk: "magħżulin skond il-għarfa minn qabel ta' Alla l-Missier, bit-tqaddis tal-ispirtu, biex jisimgħu minn Ġesù Kristu u jkunu mraxxin bid-demm ta' Ġesù Kristu" (1:2). Huwa poplu magħżul, qaddis, u mifdi: "mhux b'fidda jew deheb li jitħassru, imma bid-demm għażiż ta' Kristu bħala ħaruf bla għajb u bla tebgħa" (1:18-19).



## Il-Knisja: Sagrament Universali

Il-Knisja hija s-sagrament universali tas-salvazzjoni kif jgħidilna l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja, *Lumen Gentium*, tal-21 ta' Novembru 1964 fin-numru 9: "Alla ġabar lil dawk kollha li jħarsu lejn Kristu bħala l-awtur tas-salvazzjoni u l-prinċipju ta' l-unità u tal-paċi u waqqafhom bħala Knisja sabiex din tkun għall-bnedmin kollha u għal kull wieħed minnhom sagrament viżibbli ta' din l-unità salvifika". Dan il-ħsieb insibuh ukoll fil-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum tal-Konċilju Vatikan II, il-*Gaudium et Spes*, tas-7 ta' Diċembru 1965, fejn fin-numru 5 tgħid li: "il-Knisja hija s-sagrament universali tas-salvazzjoni li juri u fl-istess ħin iwettaq il-misteri ta' l-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin". F'dan il-ħsieb ta' 'sagrament' li aħna applikajna għall-'Knisja' qegħdin nifhmu dejjem il-għaqda li hemm bejn r-realtà u l-azzjoni divina, il-ġrajja tas-sinjali terrestri li dejjem hija mimlija bir-realtà tal-azzjoni u tal-grazzja ta' Alla.

Fil-Knisja naraw tassew dik l-istruttura u viżjoni ġenerali tal-pjan tas-salvazzjoni. Hija tassew sinjal '*signum*' viżibbli u effikaċi ta' din il-grazzja ta' Alla li topra fil-Knisja. Din is-sagramentalità tal-Knisja hija mwaqqfa fuq is-sagrament fundamentali ta' Ġesù Kristu, il-Verb ta' Alla nkarnat: "Min jara lili jara l-Missier" (Ġw 14:9). Għalhekk il-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu hi l-preżenza viżibbli fuq l-art tal-Mulej.

Dan huwa affermat tassew ukoll fl-Iskrittura Mqaddsa permezz tad-diversi immaġni bibliċi għall-Knisja: il-binja, l-għalqa tad-dwieli, it-tunika mingħajr ħjata, il-merħla, ix-xibka, id-dgħajsa u l-għarusa. Skond il-biblista Philips hemm madwar tmenin tixbiha tal-Knisja fil-Bibbja.

## "... U s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex"

Il-Knisja bħala l-poplu ta' Alla, bħala pellegrina fl-istorja, hi ddestinata għas-Sema. Il-Knisja mwaqqfa minn Kristu, ikkonservata minn Alla u animata mill-Ispirtu s-Santu hija tassew sinjal li joħroġ dejjem rebbieħ fuq l-art. Il-Knisja bħalma rajna tajjeb li hija preżenza viżibbli u effikaċi fuq l-art tal-grazzja tas-salvazzjoni ta' Alla, hija s-Saltna ta' Alla li ma tispiċċa qatt.



Fis-simboliżmu tal-Knisja bħala dgħajsa mibnija mill-għuda tas-salib ta' Kristu, niltaqgħu mal-espressjoni bil-latin tal-Missirijiet il-Knisja: "*fluctuat, non mergitur*" għaliex minkejja l-imwieġ qawwi tal-baħar u dejjem titħabat, din id-dgħajsa tal-Knisja qatt ma tegħreq. Hija l-Arka tas-salvazzjoni u m'hemmx salvazzjoni mingħajrha: "*Extra ecclesia nulla salus*". Din il-frażi famuża ta' San Ċiprijan ta' Kartaġni għandha bżonn ta' spjegazzjoni hawnhekk. Din ma tfissirx li min mhux fil-Knisja ħa jintilef bilfors, għaliex l-'elementi tal-Knisja' huma misterjużi u jistgħu jkunu preżenti b'mod misterjuż fid-diversi esperjenzi spiritwali tal-bnedmin mxerrdin fid-dinja, għaliex Alla jrid lil kulħadd isalva: "li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità. Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala mezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ingħatat f'waqtha" (1 Tim 2:4-6). Għalhekk wieħed għandu jħares lejn din il-frażi ta' San Ċiprijan b'mod inklussiv u mhux esklussiv.

Ġesù wiegħed dejjem suċċess universali għall-Knisja, kif naraw tajjeb fil-vanġeli. Dan is-suċċess tal-Knisja narawh fuq kollox fil-wegħda li għamel Ġesù lil Pietru f'Ċesarija ta' Filippi: "Inti Pietru u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex" (Mt 16:18). Il-Knisja hi fuq kollox indefettibbli, jiġifieri tgawdi stabbiltà indistruttibbli għaliex hija mwaqqfa minn Kristu u dejjem tgawdi l-assistenza tal-Mulej: "Ara, jiena magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet" (Mt 28:2) u tal-Ispirtu s-Santu: "U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom dejjem" (Ġw 14:16). Il-Knisja hija mogħnija bl-infallibbiltà, jiġifieri għandha l-kariżma tal-verità, biex mhux biss issaħħaħ b'awtorità d-duttrina tagħha imma ukoll sabiex dejjem tfiehem din il-verità.

Il-Knisja bħala l-poplu ta' Alla miexi lejn is-Sema, għandha dejjem tħares lejn Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħha u timxi dejjem warajH.

***Biblijografija***


ABBOTT, W.M. – GALLAGHER, J. (eds.), *The Documents of Vatican II*, New York 1966.

HASTINGS, A. (ed.), *Modern Catholicism: Vatican II and After*, New York 1991.

MCBRIEN, R.P., *Catholicism*, New York 1989.

MINEAR, P., *Images of the Church in the New Testament*, Philadelphia 1960.

NEUNER, J. – DUPUIS, J., *The Christian Faith in the Doctrinal Documents of the Catholic Church*, New York 1982.

STIBBS, A.M. – WALLS, A.F., *The First Epistle General of Peter*, The Tyndale New Testament Commentaries 17, Michigan 1983.

SULLIVAN, F.A., *The Church we believe in: One, Holy, Catholic and Apostolic*, New York 1988.



**Xerri l-Bukkett**



Bar

Restaurant Pizzeria

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**




## (L-GĦAXAR PARTI)

Fl-istess perjodu l-kirurgu Ingliż **Joseph Lister** (1827-1912) sab li l-infezzjonijiet fil-feriti huma kkawżati mill-mikrobi. Allura issa bl-invenzjoni l-oħra tal-mikroskopju dan kien jista' jkun pruvat. Lister beda juża' ukoll l-*aċidu karboliku* biex jiddiżinfetta l-feriti u l-kamra ta' l-operazzjonijiet.

Issa l-iskoperta tal-mikroskopju mhux biss kienet importanti biex naraw il-mikrobi, iżda wkoll biex naraw ċelluli oħrajn li jikkawżaw il-kanċer. Illum kull tessuta jew parti mill-ġisem li tinqata' waqt operazzjoni tkun eżaminata taħt il-mikroskopju biex naraw eżatt x'qed jikkawża l-marda. Anke meta bniedem imut, meta ssir l-awtopsja, xi partijiet mill-ġisem jiġu eżaminati taħt il-mikroskopju wkoll. B'hekk nitgħallmu iktar u nsiru nafu iktar dwar il-mard u l-kawża tiegħu kif ukoll dwar il-kura tiegħu. L-użu tal-mikroskopju huwa importanti ħafna.

Illum wieħed jista' jikkura kanċer fil-bidu u dan kien possibbli billi l-pazjent tittieħidlu biċċa tessuta ta' daqs żgħir ħafna li tkun eżaminata taħt il-mikroskopju. Din il-proċedura tissejjaħ ***bijopsija.*** Minn dan l-eżami nkunu nistgħu nintebħu bil-kanċer jew bil-marda meta tkun għadha fil-bidu u għalhekk tkun tista' tinbeda l-kura mill-ewwel u r-riżultati jkunu aħjar.

Kien hemm ħafna xjentisti li taw kontribut fil-qasam tal-mediċina imma forsi l-iktar tnejn li l-kontribut tagħhom għamel effett kbir kienu **Charles Darwin** (1809 - 1882) u **Gregor Mendel** (1822 - 1884).

Charles Darwin sfida l-idea li l-bniedem kien maħluq lest. Huwa kien ta' l-idea li l-bniedem evolva ftit ftit mill-annimali. Huwa qal ukoll li evoluzzjoni tal-bniedem tiddependi wkoll mill-forzi ambjentali. Mendel minn naħa tiegħu spjega kif din il-bidla tista' ssir bi proċess naturali tar-riproduzzjoni kemm fil-pjanti kif ukoll fil-bniedem. Għalhekk skond dawn iż-żewġ xjentisti l-bniedem u n-natura qegħdin fi stat kontinwu ta' bidla; xi kultant din il-bidla tkun favur il-bniedem u xi drabi oħra tista' tkun ukoll kontra l-bniedem u tista' tirriżulta ukoll f'mard. Dan jista' jsir ukoll indirettament permezz ta' ħolqien ta' mikrobi u *viruses* ġodda li jġibu mard ġdid.

## Is-Sehem ta' Tobba Maltin

It-tobba Maltin ukoll taw il-kontribut tagħhom għall-avvanz tal-mikrobioloġija. Id-deni rqiq, magħruf ukoll bħala *Mediterranaen Fever* jew *Undulant Fever* , kien ilu jeżisti fil-gżejjer Maltin għal bosta snin. Matul s-seklu 19 dejjem kien hawn flotta kbira u għalhekk it-tobba ingliżi li kien ikun hawn f'Malta kienu jinteressaw rwieħhom f'din il-marda u s-sintomi tagħha kienu spjegati fid-dettall iżda l-kawża tagħha kienu għadhom ma jafuhiex. L-ewwel avvanzi biex tinstab soluzzjoni għal din il-marda saru mill-kirurgi ta' l-Armata Ingliża stazzjonati f'Malta. Wieħed minn dawn it-tobba ingliżi kien il-Kurunell Tabib **David Bruce** megħjun mit-tabib Malti **Guiseppe Caruana Scicluna.** Fl-1866 identifikaw il-mikrobu fil-milsa umana. Wara t-tabib Malti **Temistokile Zammit** (1864 - 1935) skopra li l-kawża tad-deni rqiq jew kif kienu jsejħulha *Malta Fever* kienet ġejja mil-mikrobu *Micrococcus melitensis* li kienu sabu Bruce u Caruana Scicluna kien jinsab fil-mogħoż. Allura nies li kienu jixorbu ħalib minn mogħoż morda b'dan il-mikrobu kienu jimirdu bid-deni rqiq. Peress li Pasteur fi Franza, kien sab metodu kif toqtol il-mikrobi, hawn Malta bdew jgħallu l-ħalib qabel jixorbuh u għalhekk l-inċidenza tal-mard tad-deni rqiq bdiet tonqos. Il-pubbliku biż-żmien beda jgħalli il-ħalib ukoll qabel jixrob minnu. Saru wkoll investigazzjonijiet biex tkun identifikata l-kawża ta' mard infettiv ieħor bħall-*Kala Azar*, il-*kolera*, it-*tifojde*. Dawn l-istudji wasslu biex ir-riċerkaturi f'Malta kkonfermaw lis-*spirillum* ta' Koch kien il-kawża tal-kolera, sejba li saret minn Bruce u Caruana Scicluna fl-1887; waqt li t-tabib Ingliż **M.L. Hughes** fl-1892 identifika l-*bacillus* li kien qed jikkawża t-*tifojde*.



## Il-Bidu tal-Laboratorji u r-Riċerka

Fi Franza, il-Ġermanja u anke fl-Ingilterra speċjalment fil-kapitali, Londra bdew jinbnew sptarijiet kbar. Dawn saru s-santwarji tal-mard fejn it-tobba u l-professuri kienu jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom direttament fuq il-pazjenti. Sa minn żmien Hooke, Lower u Willis ġa kienu bdew isiru xi testijiet fuq il-likwidi tal-ġisem u għalhekk naraw il-bidu ta' l-ewwel laboratorji. Matul il-mixja taż-żmien l-istudju tal-kimika għen biex il-mediċina timxi iktar 'il quddiem billi ġew ivvintati numru ta' testijiet li kienu jgħinu lit-tobba fid-djanjosi tal-mard. Sas-sena 1850 il-laboratorji saru parti integrali mill-isptarijiet u kull sptar kellu l-laboratorju tiegħu fejn bdiet issir ir-riċerka fuq il-mard. Fost dawn l-istituzzjonijiet kien hemm l-Università ta' Giesen fil-Ġermanja li permezz ta' **Justus von Liebig** (1803 - 73) tat bidu fuq pedamenti sodi lix-xjenza tal-laboratorju. Liebig beda janalizza dak li l-ġisem jarmi forma ta' aċidi, mluħa, urina, dmugħ, bżieq, għaraq u sustanzi oħra u għalhekk beda jifhem il-metaboliżmu intern tal-ġisem. Huwa skopra li ċerti sustanzi dejjem huma preżenti meta jkun hemm ċertu mard u għalhekk ivvinta numru ta' testijiet biex inkunu nistgħu nagħrfu dak il-mard. Huwa kien jemmen li l-ġisem tal-bniedem huwa bħal laboratorju u fih hemm għaddejja attività kimikali kontinwa. Biex it-tessuti u l-organi jaħdmu dawn jinħtieġu l-ossiġnu u l-ikel. Dawn mbagħad jiġu mibdula f'enerġija miċ-ċelluli li hemm f'dawn it-tessuti u organi. Riżultat ta' hekk il-ġisem jarmi numru ta' sustanzi li ġa semmejna. Dan kien il-bidu tax-xjenza tal-*fiżjoloġija.*



L-aqwa surmast tal-fiżjoloġija f'dan il-perjodu tal-bidu kien **Johannes Muller** li kiteb żewġ volumi kbar (1833 – 40) u li għal numru ta' snin kien il-bibbja fuq dan is-suġġett. Mill-iskola tiegħu ħarġu xjentisti oħra famużi bħal **Theodor Schwann, Hermann von Helmholz, Emil du Bois-Reymond, Karl Ludwig, Ernest Bruke, Jacob Henle, Rudolf Virchow** u ħafna oħrajn. Dawn ix-xjentisti kienu l-aqwa nies li mexxew esperimenti u riċerki fil-Germanja u madwar id-dinja. Erbgħa minnhom, Helmholz, du Bois-Remond, Ludwig u Bruke ppubblikaw manifest fl-1847 fejn huma spjegaw kif il-fiżjoloġija hija kapaċi tispjega l-attività kollha li ssir fil-ġisem tal-bniedem. **Helmholz** min-naħa tiegħu studja dwar il-veloċità tan-nervituri u żviluppa l-*oftalmoskopju* li huwa dak l-istrument li bih tista' tittawwal fil-ġewwieni tal-għajnejn. **Ludwig** għamel riċerki estensivi fuq il-funzjoni tal-kliewi u sab kif il-kliewi jipproduċu l-urina. Huwa vvinta numru ta' apparat għal-laboratorju wkoll fosthom apparat biex ikejjel il-polz forma ta' mewġa fuq il-karta. **Du Bois-Reymond** li kien professur tal-fiżjoloġija f'Berlin għamel studji fuq il-funzjoni tal-muskoli u n-nervituri. Burke kien mar Vienna u hemm għamel diversi esperimenti u studji. **Segmund Freud** kien wieħed mill-istudenti tiegħu..



Fi Franza wkoll kien hemm numru ta' xjentisti li bdew jagħmlu r-riċerka u jistudjaw. L-aqwa wieħed fost dawn kien **Claude Bernard** (1813 – 78). Wara li ma rnexxielux jilħaq drammaturgu, Bernard intefa' b'ruħu u ġismu għall-istudju tal-mediċina u l-fiżjoloġija. Huwa rnexxielu jilħaq professur fl-Università ta' Sorbonne. Huwa sab diversi tossiċi u veleni fosthom il-*karbon monossidu,* il-*kurare* tal-muskoli u sab li l-fwied huwa l-organu prinċipali li jsaffi d-demm mill-veleni li jkun fih. Dawn kienu biss ftit mill-iskoperti li huwa għamel. L-aqwa xogħol tiegħu huwa l-ktieb klassiku, *"Daħla għall-Istudju tal-Mediċina Esperimentali"* li kien ippubblikat fl-1865. Skond Bernard il-fiżjoloġija, il-patoloġija u l-farmakoloġija huma s-sisien tal-mediċina esperimentali u kollha għandhom bżonn il-laboratorju.

Ir-riċerka medika fl-Ingilterra u l-Istati Uniti ta' L-Amerika damet ma qabdet minkejja li numru ta' studenti marru l-Ġermanja biex jitħarrġu taħt l-għalliema bravi ġermaniżi. Wieħed minn dawn kien **William Henry Welch** li ħa miegħu l-Amerika metodi li tgħallem fil-Ġermanja. Huwa ħadem ta' riċerkatur f'John Hopkins f'Baltimore, fejn huwa laħaq professur fl-1878. L-iskola medika ta' John Hopkins kienet waħda mill-ftit universitajiet li kellhom studenti tal-mediċina nisa. Istituzzjoni oħra rinomata kien l-Istitut ta' Rockefeller għar-Riċerka fil-Mediċina f'New York li minnu ħarġu numru ta' xjentisti u tobba li rebħu **l-Premju Nobel**, l-aqwa unur prestiġjuż fid-dinja. Fl-Ingilterra wkoll ir-riċerka bdiet dieħla l-ewwel f'Londra u mbagħad f'Edinburgh u Cambridge. Fost il-professuri li ħarġu minn dawn il-postijiet nistgħu nsemmu lil **Edar Sharpey-Shafer, J.N. Langley, W.H. Gaskell, Henry Dale** u **Lord Adrain**. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar kienu rebħu l-Premju Nobel ukoll.

*(jissokta)*

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

**MIX-XENA SPORTIVA** *minn* **Joe Bajada**



# *Survey dwar l-iSports f'Għawdex mill-KMS*

Fejn jinsab il-polz tal-isports Għawdxi? Għal din il-mistoqsija qed jipprova jirrispondi għaliha l-Kunsill Malti għall-iSport wara li dan ikun irċieva minn għandna l-Għawdxin ir-risposti dwar *survey* li qed jintbagħat lir-residenti kollha. Fil-fatt l-istess KMS konxju minn nuqqas ta' attivitajiet sportivi fil-gżira Għawdxija, qed jagħmel dak kollu possibbli biex mhux biss titnissel kuxjenza sportiva fost l-Għawdxin, iżda li jibdew jiġu organizzati b'mod regolari diversi attivitajiet sportivi. Biex iseħħ dan, Għawdex issa qed jingħata l-importanza anke amministrattiva f'dan ir-rigward mill-Kunsill Malti għall-iSport. Għal dan il-għan il-Kunsill qed jimbarka ma' diversi setturi għawdxin biex dan kollu jkun jista' jiġi attwat. Għaldaqstant huwa ferm importanti w utli li lkoll kemm aħna nirrispondu għal dan is-*survey* li miegħu wkoll ser ikunu abbinati rigali sportivi.

Wara li mbagħad il-Kunsill Malti għall-iSport janalizza t-tweġibiet tagħna, ikun jista' jibda jfassal pjan strateġiku għall-iżvilupp tal-isports f'Għawdex. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan kollu qed isir għalina l-Għawdxin kollha. Kulħadd għandu jkun konxju li aħna ċ-ċittadini għandna nkunu involuti f'dawn l-attivitajiet sportivi. L appell tagħna huwa biex naħdmu lkoll flimkien f'direzzjoni ewlenija li nuru l-importanza tal-isports u x'valuri kbar għandu fil-ħajja tal-bniedem. Bl-isport, iż-żgħażagħ jibnu l-karattru u l-fiżiku tagħhom, filwaqt li jbegħedhom mill-bosta perikli li l-ħajja tal-lum qed toffri. Kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu biex l-isport ikun ipprattikat dejjem iktar u li jkun l-iżjed ħaġa mfittxija waqt il-ħin liberu. Anke l-Għaqdiet Sportivi għandhom jaraw li tikber din il-popolarità fi ħdanhom. Ilkoll għandna nifhmu li l-isport huwa mezz ta' għaqda, solidarjetà, edukazzjoni u kultura. Fuq kollox investiment sportiv fiċ-ċittadini tagħna jfisser garanzija għal soċjetà iktar matura u b'saħħitha.

Kunsill Malti għall-iSport

***Dan hu s-Survey dwar l-iSports f'Għawdex***

1. X'inhuma l-etajiet ta' kull wieħed minnkom fid-dar? ..........................................
2. F'liema belt/raħal toqogħdu? ..........................................
3. Kemm persuni mid-dar tagħkom jieħdu sehem fi sport? ..........................................
4. F'liema sport u kemm-il darba? ..........................................
5. Hemm membri tal-familja tiegħek li huma membri f'xi klabb sportiv Għawdxi? IVA/LE
6. F'liema klabbs sportivi? ..........................................
7. Ta' liema età dawk li jipprattikaw l-isports bdew jieħdu sehem fih? ..........................................
8. Għaliex il-familja tiegħek tieħu sehem fl-isport? Eż. Saħħa, żvog ..........................................
9. Inti temmen li parteċipazzjoni fl-isport hija ta' benefiċċju għas-saħħa? IVA/LE
10. Jekk il-familja tiegħek ma teħux sehem fl-isports, għaliex dan? ..........................................
11. X'inhuma l-isports favoriti tal-membri tal-familja tiegħek? ..........................................
12. Kif jgħaddu l-ħin liberu tagħhom il-membri tal-familja tiegħek? ..........................................
13. Int issegwi l-isports f'Għawdex? IVA/LE
14. Inti tara sport fuq it-televiżjoni? IVA/LE
15. Inti taħseb li l-*media* tagħti importanza biżżejjed lill-isports f'Għawdex? ..........................................
16. Liema huwa l-iktar sport popolari f'Għawdex minbarra l-*football*? ..........................................
17. Hemm xi ħadd mill-familja tiegħek involut fi Skola Sport? (Skola Sport hija organizzata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni s-Sibtijiet filgħodu) IVA/LE
18. Inti taħseb li jeżistu biżżejjed faċilitajiet sportivi f'Għawdex? IVA/LE
19. Jekk taħseb li le, x'tixtieq tara li jiżdied jew li jiġi miljorat? ..........................................
20. Inti taħseb li l-Kumpless Sportiv Għawdxi joffri servizz tajjeb? IVA/LE
21. Int taħseb li l-iskejjel jagħtu importanza biżżejjed lill-isports? IVA/LE
22. Wara li jispiċċaw mill-iskola, taħseb li l-istudenti Għawdxin ikomplu jipprattikaw xi tip ta' sport? IVA/LE
23. Taħseb li parteċipazzjoni sportiva ixxekkel lill-istudenti fl-istudji tagħhom? IVA/LE
24. Taħseb li l-ġenituri Għawdxin jinkoraġġixxu lil uliedhom għall-parteċipazzjoni sportiva? IVA/LE
25. Jekk jiġi organizzat 'Sport għal Kulħadd', taħseb li l-familja tiegħek tipparteċipa? (Sport għal Kulhadd huwa organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport) IVA/LE
26. Liema logħob jew sport, tixtieq tara li jkun organizzat f'Għawdex? ..........................................
27. Taħseb li l-Kunsilli Lokali u l-Gvern jagħtu importanza lill-isport? IVA/LE
28. Taħseb li hemm nuqqas ta' *coaches* kwalifikati fil-qasam sportiv Għawdxi? IVA/LE

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*
*u Dun Anton Sultana*




## 10. Ta' Sannat

*Fost il-martri, Margerita*
*fjur ifewwaħ kollu ġmiel,*
*Ta' Sannat intrabat miegħek*
*żgur ma jifred ebda xkiel.*

*Koppla ħelwa u singulari*
*fuq il-maqdes jgħodd is-snin,*
*la tgħid xejn kontra Gerita*
*k'ma tridx ġlied mas-Sannatin.*




*Ta' Marżien, inkella l-Qasam*
*magħhom żid Ġnien is-Sultan,*
*dawramejt ir-raħal kollu*
*għall-Patruna wisq ħerqan.*

*Fl-elf sitt mija u żid magħhom*
*fost is-snin tmienja u tmenin,*
*ma' tlieta oħra, il-parroċċa*
*ingħatat lis-Sannatin.*




*Fuq ta' Ċenċ tista' għadek tilmaħ*
*xi żewġ dolmen, xi menhir,*
*u ġo l-art sinjali oħra;*
*Ta' Sannat nibżgħu għalih!*

*Minn hawnhekk l-isbaħ veduta*
*t'Għawdex bl-irħula tal-qrib,*
*Kemmunett, Kemmuna, l-fliegu,*
*mekka għall-kaċċa u għall-insib.*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit

# L-IRDUMIJIET MERAVILJUŻI TA' ĊENĊ







*Looking at the future*
*with a new vision . . .*




Orienta
feel at home